Settembru 2020 • Vol 27 • Nru. 3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




pulizija.gov.mt

fb.com/themaltapoliceforce/

**Newspaper Post**

NEW!

# GelActiv™
# THE GEL COMFORT SENSATION THAT KEEPS YOU GOING

We spend more than half our lives on our feet, putting them under enormous strain. That's why Scholl has now developed an innovative solution that transforms shoes into a comfortable oasis and takes the pressure off your feet, long before they get overtired. Our special insoles with innovative GelActiv technology are available in three different varieties; Everyday, Sport and Work each tailored to meet a different set of needs.




Available form all Scholl Foothealth Centres and pharmacies

**schollfoothealthcentre.com**

Scholl

# Editorjal

Għaddew 6 xhur mill-aħħar li ppublikajna dan il-magazin. Żgur li meta ktibt l-aħħar editorjal qatt ma antiċipajt is-6 xhur li kienu ġejjin quddiemna.

Għalkemm l-inċertezza tqanqal xi ftit tensjoni u forsi anke xi ftit biża', nazzarda ngħid li qatt daqs fl-eqqel tal-pandemija ma rajt daqshekk ħeġġa li nagħmlu dak li mistenni minna. Ftit xhur jew ġimgħat ilu uffiċjal għoli kien qalli li din il-pandemija għandha tkun għalina opportunità, opportunità biex in-nies iżidu l-fiduċja fina, li f'sitwazzjoni bla preċendent, b'rakomandazzjonijiet, liġijiet u avviżi deħlin ma kull ġurnata li tgħaddi aħna se nkunu hemm fit-toroq. Il-preżenza tagħna biss, tagħti serħan il-moħħ lill-poplu, b'mod speċjali lill-anzjani u l-vulnerabbli magħluqin ġewwa djarhom.

U in-nies apprezzat l-isforzi tagħna, jidher ċar mill-kummenti fuq il-midja soċjali ma' kull post li konna ntellgħu relatat mal-covid-19 u mill-ammont ta' apprezzamenti u kartolini mpenġijin mit-tfal li bdejna nirċievu. In-nies irrikonoxxietna bħala l-*front liners* awtomatikament, bl-istess mod li rrikonoxxiet lill-ħaddiema tal-isptarijiet.

Kollox jgħaddi, anke din il-pandemija se tgħaddi. Sitwazzjoni li se tkun għallmitna ħafna, li se tibdel il-perspettiva tagħna fuq kif nippjanaw u fuq kif naħsbu. Jalla qatt ma ninsew id-differenza li għamlet f'dan iż-żmien il-preżenza tagħna fit-toroq u nħarsu li anke wara li jgħaddi kollox il-kuntatt u l-komunikazzjoni tagħna man-nies tibqa' fundamentali biex in-nies tapprezza xogħolna.

Kienu wkoll 6 xhur sinonimi ma' ħafna ħatriet mill-ogħla livell sa dak tar-rekluti u għaldaqstant bix-xieraq li nieħu din l-opportunità li nawgura kull suċċess lil kulħadd.


## Membri tal-Bord Editorjali:

President: Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà

Editur: Spettur Rodienne Bartolo Haidon

Membri: Supretendent Jesmond Borg
Spettur David Bugeja
WPC 25 Charlene Cilia

Qari tal-Prova: Spettur Rodienne Bartolo Haidon
WPS 3 Joanna Vella
WPC 19 Daniela Grima Sultana

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom.
L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:
Editur, "Il-Pulizija", Communications Office, Police Headquarters, Floriana, VLT 2000 jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar
ABILITY PUBLICATIONS LTD.
Tel: 21 241317 e-mail: abpublicationsltd@gmail.com
Stampar
GUTENBERG PRESS


## WERREJ


04 MESSAĠĠ MILL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA

07 TGĦID IL-KBIR GĦADDA?

10 ĦATRIET U PROMOZZJONIJIET

16 DAN L-AĦĦAR...

23 XIRI TA' TAGĦMIR TEKNOLOĠIKU MANWALI

24 MALTA POLICE ASSOCIATION

26 JUM IL-PULIZIJA – 2020

30 KWISTJONIJIET ETIĊI FL-INFURZAR TAL-LIĠI

33 APPREZZAMENTI U KOMMENDAZZJONIJIET LILL-PULIZIJA

34 POLICE OFFICERS UNION

36 BEJN STEJJER, ĦREJJEF U LEĠĠENDI

40 PAĠNA TAL-ISPORTS

44 INTERNATIONAL POLICE ASSOCIATION

47 PAĠNA GĦAT-TFAL

48 REAZZJONIJIET KOMUNI WARA ESPERJENZI TRAWMATIĊI

51 MALTA ASSOCIATION OF RETIRED POLICE OFFICERS

54 OBITWARJU



# FIDUĊJA FIK

Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà

Meta pajjiż jirnexxi, meta korporazzjonijiet jew kumpaniji kbar joħolqu invenzjonijiet ġodda u meta organizzazzjonijiet medji jikbru, dejjem se ssib fattur komuni. Dan il-fattur huwa l-bidla.

Hija kelma li tissemma' ħafna minn dawk fdati biex imexxu, iżda ħafna jafu wkoll li ebda bidla mhi faċli.

Kull bidla ġġib magħha sfidi diversi. Bniedem jaf ikollu jadatta għal realtajiet ġodda, responsabbiltajiet itqal jew saħansitra jħalli warajh drawwiet li jkunu intisġu ġo fih daqs li kieku dejjem kienu parti minnu. Ikun hemm ċirkostanzi fejn dak li deher komdu għal ħafna snin ikollu jinbidel f'ħakka t'għajn għal realtà ġdida.

Però l-esperjenzi juru li minn sfidi bħal dawn jinbtu opportunitajiet ġodda. Wieħed jibda jifhem aħjar x'talenti u ħiliet għandu. Huwa f'ċirkostanzi bħal dawn li ħafna jintebħu li kapaċi jaslu iktar milli qatt waslu u kapaċi jiksbu iktar minn dak li dejjem aspiraw għalih. Is-sodisfazzjon u s-suċċess personali meta l-bidla tingħata ċ-ċans u tintrikeb mill-entużjażmu huma isbaħ u aqwa minn kull status quo. Dan hu l-ispirtu li rrid nara fost il-membri tal-Korp tal-Pulizija.

Illum nikteb bħala l-Kummissarju tal-Pulizija, kariga li issa ilni nokkupa għal dawn l-aħħar tliet xhur. Inħossni tassew kburi li qed immexxi organizzazzjoni bi storja tant twila u li llum għandha riżors uman b'saħħtu u li tul is-snin kiseb riżultati importanti għal pajjiżna u għas-soċjetà li hu fdat li jħares u jipproteġi. Il-Korp tal-Pulizija huwa taħlita ta' żgħażagħ li għadhom jibdew il-karriera u rġiel u nisa ta' esperjenza li lis-soċjetà Maltija jistgħu jagħtuha ħafna minn dak li kisbu tul is-snin. Għax naf il-ħiliet ta' dawn il-membri, tiegħek li qed taqra dan l-artiklu, jien qed nitlob iktar ta' kuljum.

Irrid li l-Korp tal-Pulizija ikun ġust ma' kull wieħed u waħda minnkom. Ikun ġust billi jinvesti iktar. Billi jġib iktar għodda u riżorsi, anke ta' esperti li jistgħu jassistuna f'xogħolna. Ikun ġust billi, fost oħrajn, japplika miżuri ċari ma' kulħadd. Jeħtieġ li jkollna fis-seħħ strutturi iktar b'saħħithom li jagħmluha aktar faċli sabiex wieħed jifhem għaliex issir ċaqliqa u mhux oħra. Iridu jkunu strutturi li jagħtu ċ-ċans lil dak li jkun japplika biex jispeċjalizza fi skwadra jew biex jagħti sehemu f'xi settur partikolari fil-Korp. Iridu jkunu strutturi li jirrispettaw il-ġerarkija li għandu jkollu korp dixxiplinat u li jaraw li meta wieħed

jikseb promozzjoni tassew jidħol fiż-żarbun tal-kariga l-ġdida li jkun fdat biha. Hekk biss kulħadd jieħu dak li hu tiegħu u ħadd ma jippretendi dak li mhux.

Dan kollu għandu jwassal biex ċerti deċiżjonijiet jibdew ikunu naturali u għalkemm sakemm nadattaw wieħed jista' jsibha xi ftit diffiċli, ir-riżultat aħħari jkun mibni fuq il-ġustizzja fejn il-bieżel ikun premjat u min jitħarreġ ikun inċentivat. Hekk imbagħad jibda jiżdied is-sodisfazzjon fuq il-post tax-xogħol.

Konxju li ta' dak li tagħmlu bħala membri tal-Korp tal-Pulizija tistennew kundizzjonijiet xierqa. Dak li ksibna meta nnegozjajna l-ftehim kollettiv tal-2018 kien bidu tajjeb, iżda nifhem meta tkunu tixtiequ iktar.

Għalhekk f'waħda mid-deċiżjonijiet li ħadna riċentement kien hemm dik li l-ħlas tal-*extra duty* fil-ħdud u l-festi ukoll jibda jitħallas bid-doppja. Dak li hu tagħkom se naħdem biex teħduh. Bħal dawn hemm inizjattivi oħra li qed naħdem fuqhom u li nittama li nkun nista' nikkomunika r-riżultat tagħhom ma ndumx. Hawnhekk mhux nirreferi biss għall-kundizzjonijiet finanzjarji, iżda anke oħrajn li jtejbu l-esperjenza tagħkom fuq il-post tax-xogħol.

Lura se nitlob dak li wegħedtu meta ħadtu l-ġurament tal-ħatra. Dan se nagħmlu b'wiċċi minn quddiem għax għandi fiduċja fik.

Domine Dirige Nos







AIG

Montaldo Insurance
AGENCY LIMITED

98/2, Melita Street, Valletta VLT 1120 Tel: 21 238 500 e-mail: info@montaldoinsurance.com

A company authorised to act as an insurance agent, regulated by the Malta Financial Services Authority

Malta General Agents for AIG Europe S.A. an insurance undertaking with R.C.S. Luxembourg number B 218806. Head Office at 35 D Avenue John F. Kennedy, L-1855, Luxembourg

# TGĦID IL-KBIR GĦADDA?

## … MIN JAF, ĦADD MA JISTA' JGĦID

minn WPC 25 Charlene Cilia – Uffiċċju tal-Komunikazzjoni

Minkejja din l-inċertezza li għaddejjin minnha mhux pajjiżna biss imma d-dinja kollha bl-effett tal-Covid-19 il-ħidma tal-Pulizija mhux biss baqgħet għaddejja imma in-tensifikat. Ix-xhur li għaddew kienu ta' sfida tista' tgħid għal kulħadd, però kif jgħidu, kulħadd il-biċċa tiegħu jara. Din kienet xi ħaġa li apparti li ħadd ma stenna, ħasdet u biddlet



il-mod ta' kif naħdmu u anki kif ngħixu. Bdiet tikber il-biża' mhux għalina personali biss imma anki għall-familji tagħna. Però dak kien il-ġurament li ħadna li nservu lill-pajjiż mingħajr biża' u nemmen li hekk sar għax xammarna l-kmiem u ħdimna. Kienu ħafna d-direttivi li nħarġu u r-responsabilità li dawn jiġu mħarsa waqgħet fuqna.

Is-Sezzjoni tal-ALE kienu l-ewwel li flimkien ma' uffiċjali tas-Saħħa Pubblika ngħataw taħriġ għax-xogħol li kien mistenni minnhom. Iltaqgħu kollha flimkien nhar it-13 ta' Marzu fid-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali f'Birkirkara fejn fil-preżenza tal-Assistent Kummissarju s-Sur Ramon Mercieca ġew imħarrġa mit-Tabib Mizzi fuq kif kellu jintlibes l-ilbies protettiv u anki l-prekawzjonijiet li kellhom jieħdu waqt il-ħidma tagħhom. Ix-xogħol mitlub kien li flimkien mal-uffiċjali tas-saħħa jiċċekkjaw u jikkonfermaw li dawk il-persuni li kienu jinsabu bi kwarantina manda-torja kienu fil-fatt qegħdin jobdu l-liġi. Forsi ħafna jaħsbu li iva mhux affarijiet kbar, mhux kemm tħabbat u tiċċekkja, però niftakar sew il-kliem ta' Dr Mizzi waqt it-taħriġ, "Dan il-virus mhux ċajta … oqogħdu attenti ħafna". Ngħid għalija jien minn hemm qisni bdejt nirrealizza x'kien ġej fuqna.

Ix-xogħol ta' dawn l-uffiċjali beda minnufih.  M'hemmx xi tgħid, kulħadd beża' iżda kulħadd ħadem. Il-poplu beda jiġi aġġornat kontinwament b'dak li kien qed isir u dan mhux biss għax wieħed jisma' u jara l-aħbarijiet imma għax aħna bħala Korp ħadna ħsieb li nwasslu l-messaġġ tagħna anki mill-paġna ta' *Facebook* fejn konna ta' spiss nirrappurtaw ix-xogħol li kien qed isir anki bir-ritratti.










Hekk kif il-ġranet bdew għaddejjin, is-sitwazzjoni bdiet dejjem tinbidel u propju kien għalhekk li l-Prim Ministru Dr Robert Abela flimkien mal-Ministru għall-Intern, Sigurtà Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi Dr Byron Camilleri għamlu żjara ġewwa Ta' Kandja fejn flimkien ma' uffiċjali għolja tal-Korp tal-Pulizija saret laqgħa ma' rappreżentanti ta' kull dipartiment li kienu ser ikunu qegħdin jinfurzaw l-Avviżi Legali li kienu qegħdin jinħarġu mill-Gvern minħabba s-sitwazzjoni li kienet qiegħda tiżvolġi. Fil-fatt, id-Deputat Kummissarju Dr Antoine Casha spjega u anki ngħataw struzzjonijiet ta' dawn l-Avviżi Legali. Id-dipartimenti li kienu involuti kienu s-Sezzjoni tat-Traffiku, tar-*Rapid Intervention Unit*, is-Sezzjoni tal-Klieb, il-Kavallerija u wkoll id-distretti tal-Pulizija.

Iżda x-xogħol ma kienx hekk biss. Is-sitwazzjoni wasslet għal tibdil anki fir-rutina tax-xogħol tagħna. Il-Qorti waqfet topera ħlief għal każi t'urġenza. Skwadri tal-Pulizija tqassmu f'postijiet differenti minħabba d-distanza, nies bdew jintalbu sabiex jagħmlu rapport permezz tal-mezzi soċjali u dan biex nevitaw li jkollna nies ġewwa l-għases tal-Pulizija. L-isforz beda jsir minn kulħadd. Anki minn wara skrivanija, ix-xogħol baqa' għaddej. Ġiet introdotta idea t'attività veru ħelwa sabiex inkunu aktar viċin in-nies b'mod speċjali t-tfal.




Permezz tal-paġna tagħna ta' *Facebook* u bl-għajnuna tal-ġenituri, it-tfal setgħu jpinġu fuq materjal provdut lilhom u b'mod elettroniku jgħadduh lilna. Wara ġew imqassma ċertifikati personalizzati ffirmati mill-Kummissarju tal-Pulizija lil kull min ħa sehem f'din l-attività. Pulizija minn distretti differenti kienu jmorru għand kull tifel u tifla li kienu ħadu sehem u jqassmulhom iċ-ċertifikat. Dan il-ġest ġie apprezzat minn ħafna b'mod partikolari mit-tfal stess li bi ħgarhom kienu jkunu qed jistennew lil Pulizija jiġi jħabbat u wiċċhom kien jixgħel kif jaraw l-uniformi.

Ix-xogħol tagħna flimkien ma' dak ta' dipartimenti oħra kien u għadu qed jiġi apprezzat, forsi mhux daqs kemm hu mistħoqq, imma ejja nħarsu lejn it-tajjeb. Eżempju ta' dan deher f'donazzjoni li l-Korp tal-Pulizija rċieva mingħand is-Sur Juheng Chen f'isem l-Assoċjazzjoni tal-Komunità Ċiniża f'Malta, donazzjoni ferm apprezzata ta' 1,000 maskra. Id-Deputat Kummissarju s-Sur Carmelo Magri li dak iż-żmien kien jokkupa l-post ta' Aġent Kummissarju sakemm ġie mħabbar l-isem tal-persuna li kellu jkun Kummissarju tal-Pulizija laqa' lis-Sur Chen u rringrazzjah ta' dan il-ġest u donazzjoni li kienet ta' għajnuna għall-Korp. Min-naħa tiegħu s-Sur Juheng Chen stqarr li b'din id-donazzjoni huma ħassew li kellhom jikkontribwixxu f'dan iż-żmien kemxejn diffiċli, l-aktar minħabba l-fatt li r-relazzjoni tagħhom bħala komunità Ċiniża ma' dik tagħna l-Maltin kienet waħda pożittiva.






"Inutli nwaħħlu f'xulxin … qegħdin f'din is-sitwazzjoni kollha flimkien u l-għan tagħna għandu jkun li nippruvaw insolvu u ngħinu kif nistgħu".

Ix-xogħol li sar u l-ħsieb warajh wasslu għal ġranet fejn kull sekonda kienet tgħodd u fejn trid issib soluzzjoni fl-iqsar ħin possibbli. Trid l-ewwel titgħallem inti biex imbagħad tgħallem lil ħaddieħor, trid tiddeċiedi anki kultant għal ħaddieħor mingħajr ma taf x'effett jista' jkun hemm. Tipprova ssib l-aħjar metodi, dawk l-iktar siguri. U dan kellu jsir għax bħala Korp għandna f'idejna kemm is-sigurtà tal-persuni kif ukoll irridu naraw li l-liġi tiġi mħarsa.

Jalla din is-sitwazzjoni ma ddumx ma tgħaddi u l-ħajja li mdorrijin ngħixu ta' normalità terġa' lura ma ddumx. Sakemm terġa' lura però nibqgħu nieħdu ħsieb, niftakru li aħna umani wkoll u kollha għandna familja tistenniena d-dar.

magazine.police@gov.mt



# ĦATRIET U PROMOZZJONIJIET

minn WPC 25 Charlene Cilia – Uffiċċju tal-Komunikazzjoni

Kien propju nhar is-26 ta' Ġunju meta ngħatat l-ogħla ħatra fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, hekk kif is-Sur Angelo Gafà ġie maħtur bħala Kummissarju tal-Pulizija. Għal dawn l-aħħar snin is-Sur Gafà kien il-Kap Eżekuttiv tal-Korp u qabel serva anki fir-rank ta' Spettur.

Il-proċess ta' kif intgħażel il-Kummissarju kien differenti minn qabel. Tista' tgħid li l-ewwel darba li sar b'dan il-mod. Sakemm ma ngħata l-kariga s-Sur Gafà, kien id-Deputat Kummissarju s-Sur Carmelo Magri li ħa f'idejh it-tmexxija tal-Korp sakemm ma l-Gvern għażel u ħatar Kummissarju tal-Pulizija ġdid.



Insellmu u nirringrazzjaw kemm lis-Sur Lawrence Cutajar kif ukoll lid-Deputat Kummissarju s-Sur Magri u nawguraw lis-Sur Angelo Gafà saħħa u suċċess f'din il-kariga hekk importanti.

Kien imiss imbagħad 30 kuntistabbli tal-Pulizija li propju nhar it-2 ta' Lulju ġew promossi fil-kariga ta' Surġent f'ċerimonja li saret fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Din iċ-ċerimonja kienet ippreseduta mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi Dr Byron Camilleri u mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafà.

Il-Ministru Byron Camilleri appella lis-surġenti l-ġodda sabiex jibqgħu jkunu ambizzjużi. Huwa spjega kif fil-karriera tagħhom iridu jkunu huma l-ambaxxaturi tad-dixxiplina fi ħdan il-Korp. Inkoraġġiehom biex joħorġu għall-ġurnata tax-xogħol u jkunu ta' eżempju għall-kollegi l-oħra. Qalilhom ukoll li dak kollu li se jagħmlu mhux biss se jħalli impatt fuqhom infushom imma fuq l-operat kollu tal-Korp. Huwa sostna li t-triq 'il quddiem hija li l-Korp tal-Pulizija jkun aktar proattiv.

Kemm il-Ministru kif ukoll il-Kummissarju awguraw lis-surġenti u rringrazzjawhom tal-kontribut li qed jagħtu lill-pajjiż bħala membri tal-Korp tal-Pulizija.

Ningħaqdu ma' dan il-messaġġ u nawguraw lill-kollegi tagħna għal din il-promozzjoni.

Din is-sena wkoll propju fl-24 ta' Lulju, ingħaqdu mal-Korp tal-Pulizija bħala kuntistabbli 44 rekluta. 33 raġel u 11-il mara temmew kors ta' taħriġ li dam disgħa ġimgħat u li tmexxa mill-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati li kien jinkludi kemm taħriġ fiżiku kif ukoll akkademiku.

Il-Forti Sant'Iermu reġgħat għal darb'oħra laqgħet diversi mistednin għaċ-ċerimonja li dejjem tqanqal dik id-daqsxejn ta' nostalġija f'kull uffiċjal li jkun preżenti.
Fid-diskors tiegħu l-Ministru għall-Intern, Siġurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi Dr Byron Camilleri tkellem dwar kif il-Pulizija għandhom ikunu parti mill-komunità, mhux biss biex jipproteġu lil vulnerabbli iżda biex ikunu konxji għall- ħtiġijiet tas-soċjetà.

Is-Sur Angelo Gafà appella lir-rekluti li l-uniformi tal-Pulizija tagħti identità. Qalilhom li l-uniformi li lebsin hija l-ħalfa tal-Pulizija li se jservu liċ-ċittadini b'rettezza, mingħajr pjaċiri u mingħajr favuri. Il-Kummissarju semma kif dawn ir-rekluti kienu qed jissieħbu fil-Korp fi żmien fejn il-Korp tal-Pulizija ser ikun qed jaddotta kodiċi ta' etika ġdid u regoli ġodda minbarra x-xogħol normali tiegħu. Appella sabiex fejn ikun hemm it-tuffieħa ħażina jġibuha għall-attenzjoni tas-superjuri tagħhom b'sistemi li ser jiġu introdotti u li jagħmlu tali rapport ferm aktar faċli.



SCIC
Cucine d'Italia

SATARIANO
Valley Road, B'Kara
satariano.com




BOV INVESTMENTS

# INVEST NOW
# **INVEST FOR LIFE**

Investing in your future starts today. Get in touch with any BOV Branch or Investment Centre to learn more about our investment solutions.

Our BOV Investment Centres
Bir id-Deheb | Gżira | Mosta | Qormi | Valletta | Gozo

**Talk to us | 2131 2020 | bov.com**

Investment returns can go down as well as up and past performance is not necessarily a guide to future performance. Changes in the rate of exchange currencies may also affect the value of your investments. Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of investment in terms of the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta).

BOV
Bank of Valletta



"*Intom parti importanti mit-trasformazzjoni li dan il-Korp ser ikun qed jgħaddi minnha fix-xhur u s-snin li ġejjin sabiex nassiguraw li nkunu Korp tal-Pulizija li jirrifletti l-ħtiġijiet tas-soċjetà*".

Matul iċ-ċerimonja saret ukoll il-preżentazzjoni tal-premjijiet. L-aħjar żewġ rekluti fis-suġġetti akkademiċi marru għand Sarah Galea fl-ewwel post u Yanika Ciappara fit-tieni post. Fis-suġġetti prattiċi nsibu lil Jan Debono fl-ewwel post u lil Gabriel Portelli fit-tieni post.

Il-Premju Mark Farrugia li jmur għand l-aktar rekluta li ddistingwa ruħu matul il-kors ingħata lil Sarah Galea. Nilqgħu lil dawn il-kollegi ġodda u nawgurawlhom karriera ta' suċċess fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

Grupp imdaqqas ieħor ta' kuntistabbli nħatru bħala Surġenti nhar l-14 t'Awwissu ġewwa l-Vilhena Hall fil-preżenza tal-Ministru Dr Byron Camilleri flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafà. 16-il mara u 34 raġel inħatru bħala surġenti u mistennija jkomplu jservu f'diversi distretti u branki.

Il-Ministru Byron Camilleri ndirizza lis-surġenti l-ġodda u f'diskors qasir fakkarhom fil-ġurament li kienu ħadu meta daħlu fil-Korp tal-Pulizija u dan kien sabiex ikunu ta' servizz lejn il-pajjiż u propju b'din il-ħatra se jibdew ħidma ġdida fi żmien fejn il-Korp tal-Pulizija għaddej minn trasformazzjoni li ħa tkompli toħroġ it-tajjeb li diġà għandna bħala Korp tal-Pulizija.

Is-Sur Gafà, bħala Kummissarju tal-Pulizija beda d-diskors tiegħu billi wera kuntentizza għall-fatt li terz ta' dawk li ngħataw il-ħatra huma nisa. Qal li dan juri li l-Korp għandu fih uffiċjali li mhux jidħlu fil-Korp għal paga biss iżda biex jikbru fil-karriera tagħhom.



Huwa qal li issa huwa l-mument tal-prova li dak li tgħallmu fil-kors jimplimentawh u li jkunu mexxejja li kapaċi jgħaqqdu tim ta' nies, jimmotivaw in-nies u li għandhom viżjoni. Fakkarhom ukoll li jkun xi jkun l-irwol tagħhom, jekk hux ħa jaqdu fid-distrett u jekk hux rwol investigattiv, jagħtu dejjem prijorità lill-vittmi tar-reati.

Il-Ministru flimkien mal-Kummissarju awguraw lis-surġenti u rringrazzjawhom tal-kontribut li qed jagħtu. Ningħaqdu ma' dawn l-awguri u nixtiqulhom suċċess.

Fl-aħħar u żgur mhux l-inqas, nhar il-31 t'Awwissu, il-Korp tal-Pulizija ġie infurzat b'31 spettur ġdid. Minn dan il-grupp, tlieta ngħataw il-ġurament tal-ħatra minħabba li kif ngħidu 'daħlu minn barra'. Minn dan il-grupp ta wieħed u tletin, sitta huma nisa.

Il-Ministru għall-Intern, Sigurtà Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi Dr Byron Camilleri flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafà filwaqt li awguraw lill-ispetturi l-ġodda għal dan il-pass hekk importanti fil-karriera tagħhom, inkoraġġewhom sabiex ma jibżawx mir-responsabbiltà. Fid-diskorsi tagħhom kemm il-Ministru kif ukoll il-Kummissarju tennew li huma għandhom fiduċja fihom u li għajnuna ħa jsibu dejjem.

"Il-kariga ta' spettur tfisser li ħa tkunu *middle managers* u allura ser tkunu qed taraw lis-superjuri tagħkom jgħaddulkom l-istruzzjonijiet filwaqt li ser issibu lill-kollegi tagħkom li jitolbu direzzjoni mingħandkom. Ħafna minn dan ix-xogħol ser ikun qed isir taħt pressjoni u f'ħin limitat. Araw li fost dan l-istress kollu, tieħdu ħsieb saħħitkom u saħħet il-kollegi tagħkom" – il-Kummisarju tal-Pulizija

Filwaqt li nagħtu merħba lit-tliet spetturi li ħadu l-ġurament u ngħaqqdu magħna fil-Korp, nifirħu lill-grupp kollu u nawgurawlhom suċċess u fuq kollox saħħa.

magazine.police@gov.mt



WE EXCEL

SHIELD CONSULTANTS

## SECURITY RISK MANAGEMENT

- Security Policy
- Security Vunerability Assessments
- Threat Risk Assessments
- Layers of Protection Analysis
- Secuirty By Design
- Security Inspections and Audits
- Training, Drills and Exercises
- Business Continuity Management

## SRM CONSULTANCY:

- Physical Security
- Information Security
- Critical National Infrastructure
- Resilience



(+356) 2144 6980 info@shield.com.mt www.shield.com.mt

# DAN L-AĦĦAR...

minn WPC 25 Charlene Cilia – Uffiċċju tal-Komunikazzjoni

Ix-xahar ta' Marzu ma setax jonqos li naħsbu f'Jum il-Mara u kien għalhekk li ġiet organizzata *fun walk* għall-membri nisa fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Grupp mdaqqas iltaqa' quddiem l-Għassa San Ġiljan nhar is-6 ta' Marzu u rħewla għal mixja ta' madwar siegħa sa tas-Sliema.

Din is-sena din l-attività kienet akkumpanjata b'inizjattiva ta' karità, fejn inġabru ikel bħala donazzjoni għal Dar Merħba Bik, dar li tilqa' vittmi ta' vjolenza domestika.




Fid-9 ta' Marzu, il-Korp tal-Pulizija investa b'23 vettura ġdida għall-pulizija tad-distrett. Ġewwa l-lokalità tal-Isla saret konferenza tal-aħbarijiet fejn ġew inawgurati dawn il-vetturi.
*"Dan huwa parti minn numru ta' investimenti oħra li qed isiru u mistennija jsiru fil-Korp tal-Pulizija biex jassigura li l-Korp ikun mgħammar bir-rizorsi meħtieġa biex iwettaq dmirijietu b'mod effiċjenti"* – Il-Ministru għall-Intern, Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, Byron Camilleri.






# The Newly Refurbished
## Fish Shop Kitchen Concept Is
# NOW OPEN

DINE-IN OR TAKE AWAY

Smart
Supermarket
FISH
SHOP



A wide selection of local, international fresh fish and seafood available at the counter!

**Dine-in or Take Away a ready to eat meal from the Fish Shop Kitchen Concept!**

# Wait, stop.

What if the new normal ain't
the normal we knew?
And we can't just do what
we'd formerly do?

What if the big change is you and me?
What if we choose to be...open.
And say I will never call my job
unimportant again.

My ears are not my earphones...
what if I listen?
What if I just smile a bit. Travel less
and love every mile of it.
And believe in the change my cooking,
my music can do.
Refuse to be a stranger in my
own living room.

What if I celebrate my skin, my hair,
my body, every day. Even Mondays.
Move forward, without leaving
anyone behind.
Stand by every word I say, make my
vote count, my voice heard today.

I'll never forget how much stronger
we are together.
I'll carry that in my heart forever.
We did it, we weathered the storm.
I'll be humble, kind,
open like never before.

#OpenLikeNeverBefore

© 2020 The Coca-Cola Company. COCA-COLA, the Contour Bottle
and the Dynamic Ribbon are registered trademarks of The Coca-Cola Company.

Coca-Cola®





Il-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Adrian Delia flimkien ma' Dr Beppe Fenech Adami għamlu żjara ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nhar l-24 t'April 2020.

Dawn kienu milqugħa mid-Deputat Kummissarju s-Sur Carmelo Magri kif ukoll mis-Sur Angelo Gafà li dak iż-żmien kien iġorr il-kariga ta' Kap Eżekuttiv tal-Korp tal-Pulizija. Huma żaru l-*Control room*, *Operations room*, id-Dipartiment tar-Reati Maġġuri kif ukoll il-mużew tal-Pulizija.

F'kull dipartiment kellhom iċ-ċans jiltaqgħu u jitkellmu ma' uffiċjali tal-Korp u beda jiġi spjegat l-operat ta' kull dipartiment. Dr Adrian Delia rringrazzja lill-membri tal-Korp tal-Pulizija għax-xogħol tagħhom.

---

Il-Korp tal-Pulizija inawgura apparat ta' taħriġ l-iktar immirat lejn il-membri tar-*Rapid* u *Special Intervention Unit*. Dan l-apparat jikkonsisti f'*simulator* li juri xeni reali ta' sitwazzjonijiet li pulizija jista' jiltaqa' magħhom fix-xogħol tiegħu, bħal ma huma serq u anki terroriżmu.

Għal din l-inawgurazzjoni, il-Ministru għall-Intern, Sigurtà Nazzjonali u nfurzar tal-Liġi Dr Byron Camilleri spjega li b'dan l-investiment ta' €150,000 qed nuru li l-Korp tal-Pulizija għandu jkun attrezzat b'teknoloġija li ssaħħaħ it-taħriġ għall-membri.

Din l-inawgurazzjoni saret fis-7 ta' Mejju ġewwa Ta' Kandja u fost diversi uffiċjali fi ħdan il-Korp, preżenti kien hemm id-Deputat Kummissarju, is-Sur Carmelo Magri kif ukoll is-Sur Angelo Gafà li sa dak iż-żmien kien għadu jokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv tal-Korp.









Wara s-suċċess li kellu l-proġett tal-*Community Policing* ġewwa l-lokalità tal-Mellieħa, il-Korp tal-Pulizija se jkompli jsaħħaħ il-preżenza f'komunitajiet fi 11-il lokalità ġdida.

F'laqgħa li saret bejn il-Ministru Dr Byron Camilleri u l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafà flimkien ma' numru ta' sindki u kunsilliera tmexxiet sessjoni ta' konsultazzjoni bit-tema 'Community Policing fil-Lokalità Tiegħek'.

Waqt din il-laqgħa li saret ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Fgura nhar it-30 ta' Lulju 2020, il-Ministru spjega kif bħala Ministeru jemmnu fis-sħiħ li l-Pulizija u r-rappreżentanti tal-komunità jridu jkunu tim wieħed fil-protezzjoni tal-komunità. Huwa fisser li ħafna drabi huma l-ewwel punt ta' referenza għal persuna fi bżonn u għalhekk huwa kruċjali li s-servizz li jingħata jkun wieħed tajjeb u effiċjenti.

Il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Angelo Gafa tkellem dwar kif is-suċċess tal-Pulizija huwa s-suċċess tal-komunità. Huwa tkellem dwar kif il-Korp tal-Pulizija jrid jinvolvi lill-pubbliku f'xogħlu u għaldaqstant il-*community policing* se jkun pass ieħor biex jintlaħaq dan il-għan. Is-Sur Gafà fisser kif il-*community policing* se joffri servizz aktar personalizzat fejn il-Pulizija jkunu eqreb taċ-ċittadini.

---

Fl-24 t'Awwissu waqt konferenza ġewwa l-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinati, il-Ministru Dr Byron Camilleri flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafà, inawguraw *virtual reality domestic violence simulator* bl-isem *Don't Forget Me*.

Dan l-apparat juri xena ta' vjolenza domestika mil-lenti ta' tifla. Dan it-tip ta' taħriġ ħa jwassal sabiex titqajjem kuxjenza ta kemm huma delikati l-każijiet ta' vjolenza domestika u kemm jaffetwaw ħajjiet, inklużi dawk tat-tfal.

Il-Kummissarju tal-Pulizija kellu ċ-ċans jipprova dan l-apparat fejn fi kliemu stess ħalla impatt fuqu. Huwa jemmen li dan it-taħriġ ħa jgħin lill-uffiċjali sabiex ikunu aktar empatiċi fir-rigward tal-vittmi ta' vjolenza domestika, filwaqt li jifhmu wkoll l-effett psikoloġiku li dawn il-każijiet iħallu, anki meta l-argument jew il-każ ikun kkunsidrat bħala wieħed mhux maġġuri.

magazine.police@gov.mt







LAND ROVER
Ciapella garage
www.ciapella.com
At Malta's largest Land Rover vehicles only workshop, we will be pleased to assist you with any of the following:
Mechanical servicing, repairs and total rebuilds. Computer systems diagnostics and electronic faults clearing. Accident damage repairs, spray painting, and complete restorations. Very reasonable hourly rates and warranty on the repairs. Stockists/vehicles spare parts and accessories.
We represent the following brands:
BEARMACH PLC • T - MAX MAXIMUM OFF-ROAD RECOVERY • WARN • HI-LIFT • PRO COMP • MANTEC • EQUIPE • K&N PREFORMANCE FILTERS • DETROIT LOCKER • BRITPART • GOODRIDGE • SAFARI • ARB AIR LOCKER • EXMOORTRIM • RING AUTOMOTIVE
BF GOODRICH TYRES • SILVERSTONE TYRES • GENERAL TYRES • ALLMAKES • TERRAFIRMA
Ta' Hagrat Street – Mgarr MST 10. Tel: 2157 4615/ 9946 9116 – Email: adrian@ciapella.com
Mosta Road – Lija LJA 9012. Tel: 2141 4441 Fax: 2141 6837 – Email: info@ciapella.com
www.ciapellagarage.com
Join us on Facebook


Peppin
peppintransport.com
67, Triq Birzebbugia
Ħal Għaxaq - GXQ 1634
Malta - EU
(+356) 27 808 805
(+356) 21 808 805
(+356) 21 809 810
(+356) 21 662 118
(+356) 99 474 904
info@peppintransport.com
www.peppintransport.com


Complete Road Construction is Our Profession.
Asphalt Production
Asphalt Paving
Construction of Footpath
Special Structure
Under Ground Infrastructure
Concrete Suppliers
Recycle Material
Street Furniture
Line Marking
Philip Agius & Sons Ltd.
TA' MAKSAR • CONTRACTORS
The Plant, Mdina Road, Żebbuġ ZBG 4103
Tel: 2146 5758 / 9949 3551 Email: marius@maksar.com
ABICert the certification company
UNI ISO 9001:2015
Certificate no. QBC658


GMF
PRECAST LTD.
YOUR PARTNER IN CONSTRUCTION
Suppliers of Prestressed and Precast Works
Tel: 21434682, 99437538,
Fax: 21437419

# XIRI TA' TAGĦMIR TEKNOLOĠIKU MANWALI 'LASER RAMAN SPECTROMETER DEVICES'

minn Margaret Barahmandpour - Projects Office

Il-Korp tal-Pulizija qiegħed jinvesti fil-unit tal-Forensika biex jieħu spinta 'l quddiem b'investimenti kemm bil-fondi Ewropej kif ukoll dawk lokali. Proġett mill-fondi Ewropej li jagħmel parti mill-*Internal Security Funds* (Kooperazzjoni tal-Pulizija) – Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità, huwa propju x-xiri ta' tagħmir teknoloġiku manwali ġdid hekk imsejjaħ 'Laser Raman Spectrometer Devices'.

Dan il-proġett ISF ser jiffaċċilita l-identifikazzjoni tas-sustanzi li jinqabdu: tossika, narkotika, kimika kif ukoll ta' splussivi. Il-Pulizija li jkun qed jagħmel it-testijiet b'dan l-apparat ser ikollu r-riżultat f'idejh dak il-ħin stess, mingħajr ma hemm il-bżonn li jintbagħtu dawn is-sustanzi fil-laboratorju. B'hekk ser jonqos il-ħin tal-ġbir tal-evidenza għax ser jkunu jistgħu jikkonfermaw dak il-ħin stess x'tip ta' sustanzi jkollhom quddiemhom.

Għalhekk, b'din it-teknoloġija dawn l-evidenzi li jkunu nġabru barra, waqt li l-Pulizija jkunu qed jaqdu dmirhom sew fuq xi xeni ta' delitt. Jekk qabel kienu jridu jgħaddu xi ftit ġranet sabiex ikun hemm riżultati konklussivi, issa b'dan it-tagħmir teknoloġiku, dak il-ħin stess, il-Pulizija jkunu jafu preċiżament x'elevaw bħala evidenza. Ovvjament, max-xiri ta' din it-teknoloġija forensika ġdida, ma jistax jonqos li jkun hemm it-taħriġ meħtieġ. Dan kollu ser isaħħaħ aktar il-preżenza tal-Pulizija fit-toroq Maltin, u aktar sigurtà fil-pajjiż grazzi għall-metodu ġdid ta' *mobile policing* biex tissaħħaħ il-prevenzjoni, kif ukoll ser jgħin fil-ġlieda kontra l-kriminalità.

euprojects@gov.mt ✱




**Internal Security Fund 2014-2020**
This advert is being part-financed by the European Union
Co-financing rate: 75% EU Funds 25% Beneficiary Funds
**Sustainable Management of Internal Security**

# KELMTEJN MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

mis-Surġent Johann Mifsud - MPA

MALTA POLICE ASSOCIATION
YOUR INDEPENDENT UNION

Din is-sena nagħlaq tliet snin bħala Segretarju Eżekuttiv u riesaq ukoll lejn il-25 sena servizz. Tħares lura u tarahom twal però fl-istess ħin tħares b'rasek 'il fuq għal ġid li tkun għamilt, għas-servizz li tkun tajt kif ukoll għas-sodisfazzjon li jkun tak ix-xogħol. Ovvjament mhux kollox ward u żahar u jkun hemm mumenti li tgħid x'għamilt b'idi, però nista' ngħid li l-mumenti pożittivi huma ferm akbar minn dawk negattivi.

Niftakar tliet snin ilu meta ħarġet is-sejħa għall-post ta' segretarju eżekuttiv, u għalkemm il-karattru tiegħi dejjem kien li ma nibżax nidħol għal esperjenza ġdida, bħal kulħadd, il-mistoqsijiet lilek innifsek ma jonqsux, bħal, jekk hux ħa nkun kapaċi nagħmel dak ix-xogħol jew jekk ħa ngħin biżżejjed lil dawk li jiġu bżonn is-servizzi tal-unjin eċċ. Ma qtajtx qalbi u applikajt għal dan il-post fejn eventwalment ġejt magħżul.

Il-bidu kollu diffiċli però sibt għajnuna kbira mill-kumitat preċedenti u tgħallimt ħafna. Kienu żminijiet diffiċli fejn il-Korp kien għadu ma jifhimx l-importanza ta' unjin u ma tantx kien jagħti leħen. Għalhekk għamilha aktar diffiċli għalija personali biex nimxi 'l quddiem.

Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar il-Korp beda jifhem l-importanza tagħna u beda jinvolvina f'diskussjonijiet varji u għalhekk bdejna nimxu 'l quddiem.

Tliet snin ilu l-iktar ħaġa kruċjali kien il-ftehim settorjali, peress li dan kien ilu pendenti għal diversi snin u d-diskussjonijiet bdew jieħdu wisq fit-tul, però bl-insistenza tagħna mxejna 'l quddiem u nistgħu ngħidu li ħadna ħafna mill-affarijiet li konna qed nitolbu, bħal l-40 siegħa minflok is-46 siegħa fil-ġimgħa u għollejna skala fost oħrajn.

B'wiċċi minn quddiem ngħid li konna l-ewwel unjin li kellha l-kuraġġ li torganizza mixja ta' solidarjetà kontra l-vjolenza fuq il-pulizija, flimkien ma' unjins oħra, biex b'hekk kissirna t-tabù tal-biża' li l-pulizija u l-familjari tagħhom ma jistgħux isemmgħu leħinhom. Din il-mixja kienet saret wara l-każ makabru ta' seħibna, is-Surġent Simon Schembri u nistgħu ngħidu li din il-mixja kienet suċċess għax imlejna l-Belt Valletta u l-messaġġ konna wassalnieh.

Bidla kbira oħra saret meta nbidlu x-xiftijiet kważi kollha tal-Korp, u dan sar wara li l-unjins kienu għamlu vot għal liema xift jixtieqa.

Għalkemm ħafna mix-xogħol tagħna jsir mingħajr daqq ta' trombi, nista' nassigurakom li x-xogħol ma jieqafx, apparti x-xogħol li jolqot lil kulħadd bħal fl-istanzi msemmija hawn fuq, il-maġġoranza tax-xogħol li jkollna jkun jirrigwardja l-individwu partikolari. Dan ifisser li ħadd ma jkun jaf x'inhu għaddej, però ma jfissirx lanqas li ma jkun qed isir xejn.

B'wiċċi minn quddiem ngħid li l-unjin tgħin ħafna nies u kien hemm istanzi li biex membru jieħu dak li kien ħaqqu kellna niġġieldu għad-drittijiet tal-membri tagħna mal-amministrazzjoni u nista' nassigurakom li ċertu uffiċjali ħaduha personali u deherna koroh, però aħna ma naqtgħux qalbna u ma niddejqux nidhru koroh għal ġid tal-membri tagħna, ovvjament meta jkollna raġun.

Dan l-aħħar qed isiru ħafna kambjamenti, però għal kuntrarju ta' qabel qed ningħataw aktar leħen. Dan għaliex id-diskussjonijiet mal-amministrazzjoni rigward miżuri li jkunu ser jittieħdu qed isiru qabel ma jinħarġu u għalhekk jagħti lok li wieħed jirranġa jew jiddiskuti xi tibdil li naraw huwa ta' ġid għall-membri. Ovvjament mhux dejjem naqblu u ġieli jkollna raġun u ġieli le, però persważ li dak kollu jew kważi li qed isir, qed isir għall-ġid tal-Korp.

Waħda mill-kwistjonijiet prinċipali li l-MPA kienet voċifera fuqha hija d-*detail* li ġiet ċentralizzata. L-MPA semmiet leħinha mhux biex tkun ta' xkiel għal dan il-proġett imma għaliex ċertu affarijiet li kienu ser isiru ma kinux qed jagħmlu sens. Fil-fatt ftit mill-affarijiet li semmejna aħna diġà nbidlu jew ġew aġġustati biex is-sistema taħdem aħjar. Għall-bidu bdew jarawna li qed nagħmlu xkiel għal din is-sistema, però llum naqblu li ma kienx il-każ u ħafna mill-affarijiet li semmejna fil-laqgħat li kellna, ingħatajna raġun.

Ma' kull bidla ta' Kummissarju, dejjem ikun hemm veduti ġodda li jġibu ċertu tibdiliet. Uħud narawhom sbieħ u oħrajn inqas sbieħ. Ċertu tibdiliet li saru huma affarijiet li konna ilna niddiskutuhom. Li hu żgur hu li l-MPA ser tibqa' tkun il-leħen tal-membri tagħha, irrilevanti min ikun il-Kummissarju tal-mument.

Minn hawn f'isem l-MPA nixtiequ nawguraw lis-Sur Angelo Gafà kull suċċess u nittamaw li nibqgħu niltaqgħu, niddiskutu unikkritikaw fejn hemm bżonn.

http://www.mpa.org.mt



# JUM IL-PULIZIJA 2020

minn WPC 25 Charlene Cilia – Uffiċċju tal-Komunikazzjoni

Minkejja s-sitwazzjoni li konna ninsabu fiha, xorta waħda ma stajniex ninjoraw il-ġurnata ddedikata għalina u ċioè Jum il-Pulizija. Is-soltu jiġu organizzati ħafna attivitajiet li jaraw parteċipazzjoni mhux biss tal-membri tal-Korp imma anki tal-pubbliku. Imma hekk kellu jkun, forsi sena oħra tkun sitwazzjoni differenti.

Ma setax jonqos li bħal kull sena nsellmu l-memorja ta' kollegi li m'għadhomx magħna. Il-Ħadd 5 ta' Lulju numru ta' uffiċjali għolja fi ħdan il-korp tal-pulizija attendew għal quddiesa u ċerimonja qasira ġewwa ċ-ċimiterju tal-Addolorata. Preżenti kien hemm il-Ministru għall-Intern, Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi Dr Byron Camilleri kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafà.

Wara l-quddiesa li ġiet ikkonċelebrata mill-Kappillan tal-Korp Fr. Raymond Bonniċi sar tqegħid ta' fjuri fuq il-qabar tal-Pulizija b'turija ta' rispett lejn dawn il-kollegi li ħallewna għall-ħajja ta' dejjem.

Minħabba l-fatt li l-ġurnata ta' 12 ta' Lulju ħabtet il-Ħadd, ġie deċiż li nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju tiġi kkonċelebrata quddiesa ġewwa l-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Gwardja tal-Unur flimkien mal-banda tal-Pulizija mmarċjaw











VERNILAC
VALEX
MIRKA
Herkules
FIDEA
STANDOX
TELWIN
CarPlan
SATA
Farécla
Galdes&Mamo Ltd.
GM House, Valley Road,
B'Kara BKR 9025,
Malta
T: (+356) 21 487584 F: (+356) 21 486979
info@galdesandmamo.com
galdesandmamo.com


BONNICI
BROTHERS
CIVIL ENGINEERING CONTRACTORS
T: 2359 6000 E: info@bbg.com.mt
www.bbg.com.mt
part of Bonnicigroup


Andrew Vassallo Ltd
GENERAL TRADING
TEL: 21692917 MOB: 79494438
www.andrewvassallo.com
Specialising In:
• Skylights
• Fiber Glass Flag Poles
• Water Gutters
• Raised Flooring
• Manhole Covers
• Street Furniture
• Raised Flooring
• Liquid Membrane
• UPVC & Aluminium Apertures
• All Type Of Staircases
Find us on facebook : Andrew Vassallo LTD


DOWNLOAD THE
MALTA ANIMAL
WELFARE APP
REPORT ABUSE
ADOPT A PET
FOUND PET
REPORT EMERGENCY
Scan me
IOS
ANIMAL WELFARE MALTA
NIDDEFENDU LIL DAWK
LI M'GHANDHOMX MIN JIDDEFENDIHOM
24/7 Ambulanza tal-Annimali
1717


my family
Free engraving
with every tag
purchased
Borg Cardona Pet Supplies
Triq It-Tabib J.Zammit,
Balzan
www.borgcardona.com.mt
sales@borgcardona.com.mt
BORG
CARDONA
& CO. LTD.

minn quddiem il-Parlament sal-Katidral fejn ingħata s-Salut lill-Kummissarju tal-Pulizija segwit mill-Ministru Dr Byron Camilleri. Mal-wasla tal-Eċċellenza tiegħu Dr George Abela – President ta' Malta saret l-ispezzjoni tal-Gwardja tal-Unur sabiex imbagħad stajna nagħtu bidu għall-quddiesa solenni kkonċelebrata mill-Eċċellenza tiegħu Charles Scicluna – Arċisqof ta' Malta. Din is-sena għall-ewwel darba, wieħed seta' jsegwi l-quddiesa diretta minn fuq it-televiżjoni. L-Arċisqof fl-omelija tiegħu appella lill-Pulizija kollha sabiex ikunu leali lejn ir-Repubblika u biex ma jħarsu lejn wiċċ ħadd. "Intom il-garanzija taċ-ċittadin li ħadd mhu fuq il-liġi" tenna l-Arċisqof.

Is-soltu matul dawn il-ġranet dejjem jiġu organizzati festini żgħar sabiex ikun hemm iċ-ċans li niltaqgħu flimkien f'ambjent kemxejn iktar rilassat iżda minħabba ċ-ċirkostanzi dan ma kienx possibbli. Irridu niftakru li din kienet l-ewwel attività ta' Jum il-Pulizija fejn is-Sur Angelo Gafà okkupa l-kariga ta' Kummissarju u nemmen li kienet waħda mix-xewqat tiegħu li jkollu ċ-ċans li jiltaqa' ma kulħadd imma ġiet kif ġiet din is-sena, is-sitwazzjoni ma stajniex nibdluha. Mil-mitluf ipprovajna nieħdu xi ħaġa u kien għalhekk li wara l-quddies ta' Jum il-Pulizija, is-Sur Gafà laqa' ġewwa l-*Officers Mess* l-uffiċjali kollha għal bibita flimkien.

L-għada s-Sibt 11 ta' Lulju, il-Ministru Dr Byron Camilleri flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Gafà għamlu żjarat f'diversi għases, fosthom dik ta' Ħaż-Żabbar, il-Mosta, l-għassa tal-Pulizija fl-Ajruport internazzjonali ta' Malta kif ukoll il-*border control* fis-sezzjoni tal-Immigrazzjoni ġewwa l-Ajruport.

Il-Ministru ltaqgħa u tkellem mal-Pulizija li kienu xogħol u filwaqt li awguralhom għall-Jum il-Pulizija ħeġġiġhom sabiex ikunu huma l-bidla li hemm bżonn fil-korp tal-pulizija, ikunu huma li jagħtu servizz aħjar lill-komunità tagħna u jkunu huma li jgħinu sabiex il-korp tal-pulizija jkun aktar viċin in-nies.

L-għeluq taċ-ċelebrazzjonjiet marbuta ma' Jum il-Pulizija sar ġewwa l-Gzira sabiħa ta' Għawdex, meta nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju saret attività fuq il-qabar tal-Pulizija ġewwa ċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, Għawdex. Il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafà kien preżenti flimkien ma' uffiċjali oħra.

Nittamaw li sena oħra s-sitwazzjoni tkun differenti u jkollna ċans niċċelebraw b'iktar attivitajiet u okkażjonijiet li jagħtuna ċ-ċans anki niltaqgħu b'mod naqra iktar rilassat.

magazine.police@gov.mt






# KWISTJONIJIET ETIĊI FL-INFURZAR TAL-LIĠI

minn Dr. Mark Said

Il-pulizija hija mistennija u marbuta li tħares l-etika fl-infurzar tal-liġi hekk kif imfissra mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Kapijiet tal-Pulizija. Dan il-kodiċi t'etika, miktub fl-1957, spiss jagħti lok għal problemi jew dilemmi etiċi għal min qiegħed hemm biex titħares il-liġi. Ħames aspetti t'etika fl-infurzar tal-liġi għandhom x'jaqsmu mal-ħin frank tal-uffiċjal, il-ħarsien tal-liġi u d-drittijiet tal-individwu, l-użu meħtieġ tal-forza, l-aġir imparzjali u l-ħolqien tal-profili.

### • Il-ħajja tal-pulizija meta frank

Huwa mistenni livell għoli mill-pulizija, tant li l-ħajja personali tagħhom trid tirrifletti l-integrità tal-pożizzjoni tagħhom. Irid ikollhom atteġġjament professjonali l-ħin kollu għaliex qegħdin kontinwament taħt skrutinju pubbliku u jiddependu fuq il-fiduċja tal-pubbliku sabiex iżommu l-qagħda tagħhom b'saħħitha. Filwaqt li bosta impjiegi jintemmu malli jsir il-ħin biex wieħed jagħlaq, il-pulizija hija ffaċċjata bi kwistjonijiet etiċi għaż-żamma tagħha tal-livell ta' rispett soċjali u l-osservanza tal-liġi f'kull waqt. Ta' spiss, dan kollu jġibhom f'kunflitt dirett mas-soċjetà, speċjalment għal dawk li ma tantx ikollhom rispett lejn il-liġi jew l-uniformi.

### • Il-ħarsien tal-liġi u d-drittijiet tiegħek

Kull uffiċjal jaħlef li josserva l-liġi u li jiddefendi d-drittijiet kostituzzjonali tal-individwu. Wieħed mill-aspetti t'etika li l-uffiċjal jiltaqa' miegħu kuljum huwa l-ħila li wieħed iwettaq dawk il-ġuramenti meta jkunu jidhru apparentement kontradittorji. Eżempju ta' waħda minn dawk il-kontradizzjonijiet huwa l-liġijiet tad-droga fejn il-pulizija hija mistennija li taġixxi fl-aħjar interess tal-Istat aktar milli tal-individwu. Meta xi ħadd jinqabad bi ftit żerriegħa tal-marijuana jew kannabis, jista' jeħel il-ħabs, multi, telf t'impieg, telf tar-reputazzjoni soċjali u telf tal-kustodja tat-tfal. B'danakollu, il-pulizija ma tistax tieħu inkonsiderazzjoni dawn l-aspetti tad-dritt għall-ħajja u l-libertà għaliex inkella hi stess tkun qed tikser il-liġi jekk ma tarrestax u takkuża lill-individwu.

### • Il-forza meħtieġa

Bosta movimenti u għaqdiet oħra ġieli jesprimu t-tħassib tan-nies minħabba l-użu mhux meħtieġ tal-forza mill-pulizija. Huma jikkostitwixxu bilanċ sabiex iżommu lil pulizija responsabbli għal kwalunkwe każ jew inċident ta' forza mhux ġustifikata. Kull uffiċjal tal-pulizija għandu l-awtorità legali li jirrikorri għall-użu tal-forza meta meħtieġa biex titħares il-liġi, iżda xi minn daqqiet l-użu tagħha ma tkunx iġġustifikata. Din il-kwistjoni etika li l-pulizija taffaċċja kuljum tista', u fil-fatt tpoġġi ħajjithom f'periklu kbir meta jitrattaw ma' dawk li ma jkunux iridu jikkonformaw. Fil-maġġor parti tal-każijiet, il-pulizija tkun trid tiddeċiedi malajr dwar x'livell ta' forza huwa meħtieġ, u ġudizzju żbaljat jew mhux bil-għaqal jaf iwassal għal ħsara fiżika jew saħansitra telf ta' ħajja għall-uffiċjal. Il-perċezzjoni ta' dak li jkun li jista' jitlef il-libertajiet tiegħu tipprovokah sabiex jirreaġixxi, u l-pulizija f'ambjenti ta' tensjonijiet kbar, jafu jiġu mġiegħla jirrikorru għall-użu ta' forza mhux meħtieġa, mhux ġustifikata jew mhux raġonevoli. Aspett bħal dan dibattut u argumentat f'qorti huwa dejjem delikat, sottili u ferm diffiċli biex jiġi riżolt. Għaldaqstant, il-prudenza għandha dejjem tipprevali.



- **Atteġġjament Imparzjali**

Wieħed mill-aspetti etiċi li l-pulizija dejjem trid tħares huwa l-ħtieġa tal-imparzjalità. Din ix-xorta ta' ġurament idealistiku toħloq bosta problemi fis-sitwazzjonijiet reali ta' kuljum. Mhuwiex dejjem possibbli li wieħed jimxi b'imparzjalità, speċjalment għall-uffiċjali stazzjonati fi rħula żgħar li fuq medda twila ta' żmien ikollhom x'jaqsmu mal-istess nies. Eżempju prattiku ta' kuljum huwa meta uffiċjal ikun midħla sew ta' xi żagħżugħ li jkun dejjem eżemplari, imma mbagħad, għax jiżbalja darba minħabba li xi ħadd ikun waqqgħu fi dnub żgħir bħal ngħidu aħna abbuż minn ammont żgħir ta' droga, dak l-uffiċjal bejn ikun irid jagħlaq għajn waħda ħalli ma jirrovinax il-ġejjieni taż-żagħżugħ, u bejn min-naħa l-oħra ikun fid-dmir li jimxi mal-ġurament u l-etika u jinfurza l-liġi billi jħares il-proċedura stabbilita.

- **Ħolqien ta' Profili**

Il-profili ilhom żmien twil jikkostitwixxu komponent ewlieni fil-pulizija. Huwa essenzjali għal pulizija li jużaw id-diskrezzjoni u l-għaqal tagħhom biex jiddeċiedu fuq l-aħjar triq minn każ għal każ. Sfortunatament, is-soċjetà tal-lum hija miżgħuda b'assunzjonijiet u sterjotipi żbaljati li jwasslu għal profili razzjali jew etiċi inġusti kuljum. F'waqtiet kritiċi, uffiċjal ikollu biss ftit sekondi biex jevalwa sitwazzjoni u ma jkollux ħin biżżejjed biex jiżen sew u oġġettivament il-prinċipji etiċi u legali.

Il-pulizija l-ħin kollu hija ffaċċjata bi kwistjonijiet etiċi fejn jidħlu l-aġir tagħhom meta frank, fl-infurzar tal-liġi u d-drittijiet tal-individwu, fl-użu tal-forza, fl-aġir imparzjali u fil-ħolqien ta' profili. L-etika fl-infurzar tal-liġi ġġiegħel lil pulizija jgħixu ħajja f'livell ogħla minn tagħna, u huwa importanti li aħna nifhmu l-problemi etiċi li l-pulizija jkollha titratta llum il-ġurnata sabiex tiggarantielna ġejjieni aħjar. ✻

---




PASSION FOR WORK
WÜRTH
eshop.wuerth.com.mt


Ph Borg Ltd.
FUEL & LPG SUPPLIER
We delivery Fuel and LPG to
Hotels Domestic Industrial Farms Yachts
WE FOCUS ON
Timely deliver
24/7 delivery service
Excellent quality products
Flexible credit terms
... all of which are offered by our trained staff and well equipped vehicles"
FUEL & L.P.G SUPPLIER
PhBorg Ltd.
Joseph Yard, Triq Il-Prinjol, Wied Il-Ghasel, L/O Naxxar, NXR 6345
mob: 9949 1177 web: www.phborgltd.com email: info@phborgltd.com


Energy Saving
uPVC Window &
Door Apertures
10 YEAR WARRANTY
Finestral®
ENERGY EFFICIENT uPVC APERTURES
Contact us for a FREE on-site quotation.
A SUB 092B, Qasam Industrijali, San Gwann, SGN 3000
T 2146 3522 M 9942 3326
E sales@finestralmalta.com
www.finestralmalta.com
Authorised Manufacturers and Installers
deceuninck

# APPREZZAMENTI U KOMMENDAZZJONIJIET LILL-PULIZIJA

On behalf of Restaurant, Senglea, I would like to thank the Malta Police Force in particular The Cospicua Police Station and Sgt. Arthur Rizzo and all his team for solving our case Their prompt and professional action was instrumental in these difficult times. Thank you and God bless.

---

I would like to thank whole heartedly the Police Force for permitting Simon Schembri to visit our learning programme. His talk was very inspirational for our students. His attitude, calmness and tranquility despite going through such a traumatic event, have left an impact on our students and educators. Thanks for the positive message transmitted to all.

Best wishes

Sylvana

---

I cannot but not comment on the excellent service through the online reports. Ps Kevin Grima went out of his way and even posted a print out at my house. Thank you so much.

---

Nixtieq nirringrazzjakom ta l-inizzjativa rigward it-tpingija ghat-tfal. Illum zewg ufficcjali mill-lokalita fejn nghix (Qormi) gew jaghtu c-Certifikat ta' rikonoxximent lit-tfal tieghi li hadu sehem. M'ghandix kliem sabiex niddeskrivi l-ferh li hassew t-tfal hekk kif rawhom quddiemhom. It-tfal ilhom d-dar gewwa ghal xahrejn shah u ghalihom dan l-gest kien jfisser hafna, mhux ghat-tpingija biss imma ghal fatt ta' sagrificcju kbir li minhabba c-cirkostanzi kien mehtieg li jsir. Jiena nemmen li l-gurnata ta llum ser thalli nota posittiva ghal hajjithom. Nixtieq nerga niehu l-opportunita sabiex nirringrazzja l-Korp kollu tax-xoghol imprezzabbli li jaghmlu kuljum sabiex jissalvagwardjaw lilna u lil ghezież taghna. Grazzi

---

Yesterday evening at 19.30, my family and myself were going out for a family event.

We found a car literally parked into our car.
I went to the Luqa Police Station where there were three police officers, the number of one of them I think was PC 367.

I would like to thank these three officers for their very efficient service.
They were really helpful.
They came immediately to the site and were really understanding.

This is just a short message to say a big thank you!

Keep up the good work.

Good Day

---

I want to congratulate the Maltese police for the assistance provided in the search for my son who was reported missing and tracked down after three days. In particular, I thank Inspector Jeffrey SCICLUNA for the quick interest and high professionalism that has allowed us to reconstruct the facts and find the traces that are crucial for the recovery, in the United States, of my son.
Thank you.

---

I wish to thank PC1398 who this morning gone out of his duties to help me put my broken down car on the side and insuring that traffic is not disturbed while waiting for towing car to arrive.
Thank you PC1398

---

This is just a message that I would like you to pass on to all the police officers involved in our savage attack in Xaghra on 22nd of September. We would both like to thank each & every officer for their exceptional professional services in dealing with our case. The speedy arrest & recovery of our stolen items. The swift manner in which our case was dealt with brings the UK's justice system to shame!!! We cannot thank you enough for your help & assistance & will be forever greatfull. We will look forward to our return to Gozo to thank those in person.

---

Dear Sir or madam,

I would like to thank WPS 198 Jennyfer Caruana and PS 902 Karol Spiteri from the Birkirkara Police Station.

Where on Saturday 28th of September I have asked for assistance due to having unwanted guests in our premises. For my safety and the premises I immediately asked for assistance. The response was quick and in less than 5 minutes they where on premises.

---

I would like to inform you that I have been to the Sliema Police Station today to sign a note re court hearing.

The team at the station were very co-operative and PC 215 Ms. Mifsud has done a great job of explaining the procedure and most of all assured me that the Local Police have followed this case diligently.

Furthermore, I would like to thank you and the team as already stated with PC 215 that from my CCTV footage I could see that the trespasser was sighted on my roof and within 6 minutes a police car drove up and the police were in control of the trespasser.

# KELMTEJN MILL-VIĊI PRESIDENT

minn PC 1583 Steve Spiteri - Police Officers Union

Merħba għall-ħarġa oħra tal-magażin; Il-Pulizija. L-ewwel nett f'ismi u f'isem il-kumitat ċentrali tal-*Police Officers Union* nixtieq nifraħ lis-Sur Angelo Gafà tal-ħatra tiegħu bħala Kummissarju tal-Pulizija. Persważ li ħa nkomplu naħdmu id f'id biex intejbu l-kundizzjonijiet tal-pulizija bħalma għamilna mal-predeċessuri tiegħu. Grazzi kbira tmur għad-Deputat Kummissarju Carmelo Magri għaż-żmien li għamel Aġent Kummissarju u dejjem kellu 'open door policy' il-konfront tagħna bħala *Police Officers Union*. Sfortunatament ma kienx żmien faċli għalih anke fir-rigward tal-pandemija li konna għaddejjin minnha pero dejjem wasalna għal soluzzjoni flimkien.

Grazzi kbira tmur għal membri tal-Korp tal-Pulizija li għaddew minn żmien xejn sabiħ fil-bidu tal-*Covid 19*. Kien kollox ġdid kemm bħala pajjiż kif ukoll bħala Korp tal-Pulizija. Urejna li meta l-pajjiż jgħajjtilna aħna mmorru. Ma kienx hemm kollox perfett pero l-prijorità kienet is-saħħa tal-membri. Tgħallimna ħafna affarijiet u diġà tkellimna u għadna qed nitkellmu rigward miżuri fl-eventwalità li l-istorja tirrepeti ruħha.

### *Extra Duty:*

Fl-2019, il-kumitat tal-*Police Officers Union* fost affarijiet oħra kien talab lil dak iż-żmien il-Kummissarju Lawrence Cutajar li meta l-*extra duty* tinzerta l-Ħadd jew festa jew anke meta tintalab *extra* lejliet il-Milied jew l-ewwel tas-sena, ir-rata li jitħallas il-Pulizija għandha tkun differenti minn ġranet normali. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll il-Kummissarju preżenti s-Sur Angelo Gafà li dak iż-żmien kien CEO fejn ftehmu u qablu ma' din it-talba. Filfatt riċentement daħlu fis-seħħ rati ta' ħlas u miżuri ġodda għal *extra duty* fejn fosthom hemm it-talbiet li konna ressaqna aħna. Nirringrazzjaw lill-amministrazzjoni tal-korp li laqgħet it-talbiet tagħna u ġew implimentati.

### Vacation Leave:

Talba oħra li konna għamilna bħala *Police Officers Union* hi li l-*vacation leave* jkun jista' jittieħed bis-siegħa. Grazzi għall-amministrazzjoni li ħadet id-deċizjoni li timplimenta din it-talba wkoll. Talba oħra relatata mal-*vacation leave* għamilniha lill-Ministru. Għal din is-sena tlabna li *vacation leave* li ħa jiġġedded għas-sena d-dieħla għandu jkun l-ammont li bdejna din is-sena bih sal-mument li qed jinkiteb dan l-artiklu konna għadna bla risposta.

### Għawdex:

Ftit żmien ilu konna nfurmajna l-amministrazzjoni li l-għassa ta' Marsalforn ġewwa Għawdex kellha bżonn xi xogħol strutturali. Riċentement ukoll ġewwa Għawdex twaqqfu xi ħames muturi tat-traffiku minħabba l-kundizzjoni tagħhom. Aħna tlabna li dawn għandhom jiġu mibdula. Filfatt, l-għassa ta' Marsalforn ġiet rinovata u riċentement ġew trasferiti ħames muturi għal Għawdex.

**Assistenza legali:**

Ovvjament dan huwa dritt li aħna bħala *Police Officers Union* nagħtu lil kull membru. Is-servizz ta' assistenza legali jingħata bla ħlas lill-membri tagħna. Jingħata kemm meta jkun hemm kawżi ta' dixxiplina, f'inkjesti relatati max-xogħol tagħna u oħrajn. Min jiġi bżonn dan is-servizz jagħmel kuntatt magħna kemm jista' jkun malajr ħalli jkunu jistgħu jsiru l-arranġamenti neċessarji.

**Rappreżentant mir-rank ta' Spettur 'il fuq:**

L-Ispettur Jonathan Ransley ġie maħtur mill-kumitat biex ikun rappreżentant mir- rank ta' Spettur 'il fuq f'isem il-*Police Officers Union*. Ovvjament kull membru jista' jgħaddi l-ilment tiegħu lix-*shopstewards*, lil xi membru fil-kumitat jew persuna oħra ta' fiduċja tiegħu/tagħha.

***Shopstewards:***

Jekk mhux diġà ħarġu, għandhom joħorġu applikazzjonijiet għal min hu interessat li jkun *shopsteward* fid-distrett jew branka ta' fejn ikun stazzjonat biex jirrappreżenta lill-*Police Officers Union*. Xogħol ix-*shopsteward* huwa li jirrappreżenta l-post fejn jaħdem, jiġbed l-attenzjoni lill-kumitat dwar problemi u sitwazzjonijiet li jkun hemm kemm ta' individwu personali kif ukoll tad-dipartiment fejn qiegħed. Għal aktar informazzjoni ibagħtu email fuq policeofficersunion@gmail.com

Fl-aħħar u mhux l-inqas, grazzi għall-membri tal-Korp tal-Pulizija li jafdaw lill-*Police Officer's Union* bħala l-unjin tagħhom u nħeġġeġ lil min mhux membru biex jissieħeb magħna. Biex tagħmlu dan kemm tagħmel kuntatt ma' xi ħadd mill-kumitat jew *shopstewards* jew fuq email: policeofficersunion@gmail.com u meta tkun membru fil-P.O.U. tkun qed tibbenefika minn diversi offerti oħra minn kumpaniji privati. Inħeġġukom li tagħmlu like fuq il-paġna tal-Facebook tagħna: *Police Officer Union* u jkollkom kull informazzjoni li għandkom bżonn.

Tistgħu tagħmlu kuntatt miegħi personali fuq 7900 1583.

steve.a.spiteri@gov.mt



# BEJN STEJJER, ĦREJJEF U LEĠĠENDI

Mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

Hemm min ma jagħmilx distinzjoni bejn il-ħrejjef u l-leġġendi u kultant jaħseb li huma stejjer jew jekk mhux ukoll stejjer tat-tfal. Il-leġġendi mhumiex stejjer għalkemm jieħdu din il-forma; lanqas huma ħrejjef, iżda huma l-ispjegazzjoni popolari ta' xi personaġġ f'belt, raħal, ambjent rurali jew urban; oġġett li jista' jkun minn ċagħaq ċkejken sa fenomeni kbar. Ġrajjiet mill-Assedju, eroj, niċeċ, lapidi, statwi, knejjes u kappelli, erwieħ jew iħirsa, is-seħer u l-magħmul. Oħrajn huma bbażati minn fuq avvenimenti li jsiru matul is-sena bħal Milied, festi tal-qaddisin, il-karnival eċċ., eċċ.

L-interess tagħhom ma tkunx biss l-istorja nfisha, iżda minħabba dak kollu li jiżdied u jiżżejjen magħhom minn ġenerazzjoni għal oħra; li l-probabilità tkun il-fantasija u l-mod ta' kif jaħdem moħħ il-bniedem mistħajjel u fantasjuż; li jogħxa billi jkabbar u jċekken mir-realtà tal-fatti u dan ġeneralment dejjem skont kif ikun jaqbel jew ukoll minn fejn ikun qed jonfoħ ir-riħ. F'ċertu aspetti naraw illi l-popolarità f'dan il-ġeneru tintlaħaq aktar meta tiżdied id-doża tal-oskur, il-qtil, is-suwiċidju, it-traġiku u l-vendetta...

Meta ngħidu li hija spjegazzjoni popolari rrid infisser li l-ispjegazzjoni tkun dik tali f'ħalq il-poplu. Kif ikun semagħha jgħidha, jibda jifhimha u jinterpretaha. Allura għandek l-element tat-tradizzjoni, wirt missirijietna. Il-leġġendi jiġbru fihom aspetti differenti tal-istorja, il-kultura tagħha sintendi l-aspett tal-folklor. Xi ħaġa sabiħa u interessanti li tispikka










Għall-Induraturi
Deheb ta' l-induratura,
silver leaf, aluminium leaf u
l-artikli kollha għall-induratura
Miftuħin mit-Tnejn sal-Ġimgħa
mit-8.15a.m. sal- 5.00p.m.
Is-Sibt mid-9.00a.m. sa 12.00p.m.
E. THEUMA & COMPANY LTD.
Theuma House, 302, St Paul Street,
Valletta VLT 1213
Tel: 2123 4075 / 2123 6605 Fax: 2124 4201
Email: info@etheuma.com
www.etheuma.com


DINE IN
VALLETTA
PARK AT...
MCP
CAR PARKS
SPECIAL RATE AFTER 1 PM
€3.00
Excluding
special events
T: 2125 0055
facebook.com/mcpcarparks
www.mcpcarparks.com.mt


Whatever the style of light fitting,
we've got it covered!
ess
ESS Ltd., Triq San Gwakkin, Imriehel. T: 2125 5777
www.ess.com.mt | essmalta


PISANI TRADITION
SINCE 1884
DewFresh
Discover Our Chicken Range
Bite into Superior Quality
www.dewfreshproducts.com


VERA®
L-ITJEB TADAM MALTI
KUNSERVA
vernons
Tel: 2549 8000 www.vernons.com.mt


Sofa So Good, Always at Orienta
Ta' Qali 2144 5733
Victoria Gozo 2226 4620
Manhattan Suite

fihom hija li jfakkruna f'avvenimenti storiċi u devozzjonali tal-poplu tagħna. Irridu ngħidu illi minkejja s-sempliċità tagħhom, fihom jinsab ċertu studju li b'xi mod jista' wkoll jorjenta lil qarrej f'dinja aktar modesta u ġusta, li tagħmel aktar sens għall-mistoqsijiet tiegħu, l-aktar f'din id-dinja li qed ngħixu fiha llum.

Fil-leġġenda bħala ġeneru, m'għandniex għalfejn noqogħdu nfettqu biex naraw jekk hijiex veru jew le. Il-leġġenda hi dik li hi. Tista' tkun ukoll għal kollox fantastika, iżda rispettata għax tifforma parti mill-kultura lokali u globali tagħha. Bosta minnhom jittrattaw l-aspett tal-Kursara, it-Torok, l-iskjavi, l-Ordni ta' San Ġwann u oħra, li kienu parti mill-ambjent soċjali tagħna. Ambjenti li fihom missirijietna fil-maġġoranza tagħhom jirriflettu l-aspett devozzjonali u dak Nisrani qawwi profond li kienu jgħixu fih.

Minn naħa l-oħra l-ħrafa qed nifhmu l-ħrafa fis-sensi kollha folkloristiċi, li jgħadduna għal ġeneri oħra; bħal ħrafa letterarja u dik b'aktar stampi. Nieħdu l-ħrafa Maltija li hija rikka wkoll daqs dawk kollha ġejjin mill-irkejjen mifruxa tad-dinja. Fiha wieħed jista' jistħarreġ bosta aspetti; fosthom dak antropoloġiku, folkloristiku, artistiku, letterarju, storiku, ġuridiku, psikoloġiku, arkitettoniku fost oħrajn. F'bosta soċjetajiet il-ħrafa hija meqjusa b'għodda strumentali sabiex wieħed ikun jista' jifhem il-komunità ta' madwaru u biex jagħraf u jiżviluppa l-imġiba u l-personalità individwali tiegħu f'dik il-komunità.

Il-knisja wkoll inqdiet għal bosta snin bil-ħrejjef fil-ħidma spiritwali tagħha. L-aqwa xhieda ta' dan tinsab fis-sehem li kienu taw, fosthom fil-folklor Malti lejn il-bidu tas-seklu għoxrin; id-diversi saċerdoti u reliġjużi minn tagħha li ħallewna dan l-għerf popolari u meqjus.

Ftit huma n-nies li tiltaqa' magħhom illum li jirrakkontaw minn dan il-materjal tas-seħer lill-adulti. L-era moderna qaddmithom. It-tfal u l-għalliema ta' ftit żmien ilu, kulma jafu bil-ħrejjef Maltin huma biss dawk imdaħħlin fil-kotba tal-iskola primarja u sekondarja li kellhom. Kważi l-għalliema kollha, ħa ngħid kważi ... ma jafux li teżisti varjetà ġmielha ta' ħrejjef Maltin; magħhom niġbed il-leġġendi. Min jaf kieku bihom kemm iħawru aħjar il-lezzjonijiet tagħhom u jkunu aktar effettivi kif fl-aħħar mill-aħħar nimmaġina li jixtieq+u jkunu. Fl-istess ħin, kif aċċennajt ikun qed jinħoloq sens kbir ta' kontinwità li tant għandna bżonn fi żminijietna.

Psikoloġikament u kulturalment naħseb li kulħadd għandu bżonn il-ħrejjef. It-tfal partikolarment, iħossu l-bżonn fl-iżvilupp tagħhom li jġarrbu s-sensazzjonijiet tal-ħrafa. Ħafna drabi dan il-bżonn ikun irid li jibqa' wkoll jinħass anki fost il-kbar; saħansitra wkoll wara li jkunu laħqu ċertu etajiet. Ix-xenqa intrinsika għall-ġustizzja; ir-risq it-tajjeb u l-aspetti l-oħra tar-romantiċiżmu, fiż-żewġ estremi tiegħu, huma t-temi ċentrali f'dawn il-ġeneri tal-letteratura. Fihom insibu u nesperjenzaw ukoll dak il-gost; is-sodisfazzjon reali tal-arti narrattiva u popolari tagħna l-Maltin.

joseph.q.borg@gov.mt





# AVVENIMENTI U INFORMAZZJONI

### *Badger Karting Event 2020*

Nhar il-11 ta' Marzu ġewwa Ta' Qali, l-MPSC organizza għal darb'oħra avveniment li jkun mistenni ħafna, ċioè dak tal-*Badger Karting*. Oriġinarjament din l-attività kellha sseħħ fix-xahar ta' Novembru, iżda minħabba raġunijiet ta' xogħol, dan l-avveniment ġie pospost għax-xahar ta' Marzu.

Kienu 41 membru li ħadu sehem f'din it-tellieqa fejn bħas-soltu kienu ħafna li wrew il-kapaċitajiet tagħhom. Wara li l-parteċipanti għamlu l-ġirja ta' kwalifikazzjoni, dawn ġew maqsuma f'sitt gruppi fejn ir-rebbieħa ta' kull grupp kienu: Pc 443 (1Pd), Pc 112 (7Pd), Pc 144 (6Pd) Pc 1313 (CDO), Pc 1018 (K9) u Ps 750 (6APd).

Dawn l-istess rebbieħa finalment għamlu tellieqa bejniethom sabiex jinħatar ir-rebbieħ fost ir-rebbieħa u dan kien Pc 443 Chris Bonello. Fit-tieni post imbagħad kellna lil Pc 1043 James Mallia u fit-tielet post Pc 144 Sergio Persiano. L-MPSC jixtieq jirringrazzja lill-membri kollha li ħadu sehem f'din l-attività li għal darb'oħra kienet suċċess kbir, kif ukoll lis-Sur Gilbert Abela, rappreżentant ta' ROWE Oils, li għoġbu jgħin f'dan l-avveniment bl-għoti ta' xi premjijiet.






GARMIN
Drive™40LM
4" DISPLAY
New added features with
24 EU preloaded countries
€99.99
Incl VAT
Drive™ 52
& Live Traffic
5" DISPLAY
Easy-to-use 5" sat-nav with
live traffic1
€170
Incl VAT
medcomms
MARINE ELECTRONICS
4, Msida Road, Gzira. Tel: 2133 5521
info@medcomms.com.mt www.garminmalta.com


fgp
The Garage Door People
FGP Ltd is Malta's largest and longest established garage door manufacturer. Supplying all kinds of custom made residential, commercial & industrial garage doors, gates and remote control automations.
FGP Ltd. 109, Valletta Road Luqa. Tel: 21673627, 21667107/8
Email: sales@fgp.com.mt Web: www.fgp.com.mt


enemed
powering your drive
CLEANER, SAFER & SUPERIOR QUALITY FUELS
e POWER
e DIESEL
e POWER
e UNLEADED
enemed.com.mt


Trust • Commitment • Expertise
Michael Grech
FINANCIAL INVESTMENT SERVICES
Head Office:
The Brokerage, Level 0 "A",
St Marta Street, Victoria,
Gozo, VCT 2551, Malta
Tel: 2258 7000
Fax: 2155 9199
Malta Office:
95, Fleur de Lys Road,
Birkirkara, BKR 9064, Malta
Tel: 2258 7000
Fax: 2144 1006
Web: www.michaelgrechfinancial.com
Email: info@michaelgrechfinancial.com
Licensed to conduct investment services in Malta
by the Malta Financial Services Authority
as regulated under the Laws of Malta


BTIUNIFORMS
QUALITY CLOTHES FOR WORK AND LEISURE
Casual | Business | Beauty | Sports | Catering | Safety | School | Medical
MOSTA - PAOLA - GOZO | T: 22022121 | M: 79428407
BTIUNIFORMS.COM


econetique.
CONTACT US
FOR A
FREE QUOTE
A+++
Efficiency
WIFI
Control
5 years
full warranty
sinclair
AIR CONDITIONING
t: 2156 9006
info@econetique.com

## *PlayStation Online Tournament 2020*

Minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija tal-Covid-19, li laqtet mhux biss lil pajjiżna, imma anke d-dinja kollha, ċertu attivitajiet sportivi kellhom jitħassru ħesrem minħabba l-miżuri li kienu nħarġu. Però l-MPSC xorta waħda kompla jaħdem, anke f'dan il-mument tant diffiċli sabiex il-membri tal-Korp ikollhom l-okkażjoni sabiex jikkompetu f'ambitu sportiv, però b'differenza. Għall-ewwel darba t-turnament annwali tal-*PlayStation* sar onlajn, ċioè l-parteċipanti setgħu jikkompetu mid-dar kontra xulxin onlajn.

Din is-sena kien hemm żewġ logħbiet li l-membri tal-Korp setgħu jipparteċipaw. Dik tal-Fifa 2020, kif ukoll il-logħba tal-*Pro Evolution Soccer 2020*. B'kollox ipparteċipaw 15-il membru fil-*Fifa 2020* u 6 membri fil-*PES 2020*. Ir-rebbieħa tal-*Fifa 2020* kien Pc 276 Gregory Attard, segwit minn Pc 1458 Malcolm Fenech u Pc 989 Antoine Cesare. Filwaqt li r-rebbieħ tal-*PES 2020* kien Pc 148 Matthew Tonna, segwit minn Pc 1052 Brian Tonna u Pc 276 Gregory Attard.

L-MPSC jixtieq jifraħ lir-rebbieħa kif ukoll lil kull min ipparteċipa sabiex dan kollhu seta' jseħħ.

## *Eurosport BSJ 5K Road Running Series*

L-edizzjoni tal-*Eurosport BSJ 5K Road Running series 2020* intemmet fil-11 t'Awwissu 2020 meta t-tielet u l-aħħar tellieqa tas-serje saret ġewwa l-*ByPass* tal-Imtarfa. Din it-tellieqa rat ir-ritorn ta' Pc 376 Andrew Grech, wara nuqqas ta' ħames xhur. Ta' min jgħid li Andrew Grech rebaħ din it-tellieqa u anke wettaq l-aqwa ħin tiegħu f'din l-edizzjoni. Il-preżentazzjoni saret b'konformità mal-protokolli tad-distanza soċjali fi tmiem it-tellieqa. L-MPSC tifraħ lil Pc 376 Andrew Grech ta' dan l-unur li rebaħ.




## Nota Ġenerali mill-MPSC fuq il-COVID-19

Kif kulħadd jaf, il-pandemija li laqtet lil Malta u d-dinja kollha ħassret ħafna mill-attivitajiet li kienu skedati matul is-sena. Kien mument diffiċli għal kulħadd u l-membri tal-Korp żgur ma kinux eċċezzjoni. Kulħadd beda jagħmel il-parti tiegħu sabiex ix-xogħol tagħna ta' kuljum ikompli għaddej, anke jekk ġew b'sagrifiċċji kbar għal uħud mill-membri tagħna, li spiċċaw anke joqogħdu 'l bogħod mill-qraba u familjari sabiex jiġi evitat xi sogru ħabba t-tixrid ta' din il-marda. Jidher li din il-marda ma waqfitx u ser tibqa' ddur magħna sakemm tinstab xi kura u nkunu nistgħu tassew nerġgħu niġu lura għan-normalità. Sakemm tasal dik il-ġurnata, aħna xorta ser inkunu qegħdin naħdmu sabiex il-membri jkollhom attivitajiet sportivi, b'konformità mal-protokolli tas-saħħa.

mpsc.police@gov.mt

# INTERNATIONAL POLICE ASSOCIATION – MALTA SECTION



**Visit to Police HQ** - existent ties between IPA Section UK and Section Malta were strengthened with visit of Martin Turner on the 2nd March 2020 whilst he was visiting our island. Martin is a serving officer with the British Police and stationed at the British Transport. He holds the position of Vice President of National UK Section.. He was welcomed at our GHQ by the National President Neville Mercieca and committee members Joe Borda and Joe Mamo and was given a tour around the Police Museum, Crime Museum, Police Chapel and Officers Mess. We were lucky to have Joe Borda on board at both Museums, as he was a key person for their set up way back in the 80s. Joe went into detail to explain the homicides exhibited at the Crime Museum, as he himself was still serving in the Force when they occurred.

We discussed with Martin matters concerning IPA issues as well as other police work. One topic of conversion we dwelt upon was the problems we are experiencing in having our members renew their IPA memberships. This seems to be a common problem as confirmed by Martin, since they too have similar issues with their members. Usual exchange of IPA tokens took place followed by a commemorative photo at the GHQ Main Entrance in front of the memorial dedicated to the Fallen Police Officers in the Line of Duty - forever they will be remembered. www.ipa-uk.org

**Covid-19** hit our islands in March 2020 and disrupted the way of life of everyone. Police members were involved in enforcement of new regulations imposed by the local Health Authorities. Regretfully IPA Malta Section had to cancel our planned annual trip to Sicily as well as the week long annual IPA anniversary events to mark the 56th year from the founding of our Section 1964 - 2020. The Executive Committee further decided to comply with the measures imposed by the authorities and refrained from taking on all scheduled and any unscheduled IPA visits.

**A Pontifical Mass** was held on the 13th July 2020 where we were honored with the presence His Excellency the President of the Republic of Malta Dr. George Vella and Mrs Vella. Other dignitaries included the Hon. Minister of Home Affairs National Security and Law Enforcement Dr Byron Camilleri and Police Commissioner Mr Angelo Gafà, for the first time since taking office in June. On his arrival at St John's Square, the President mounted the dais for the General Salute before the Guard of Honor to the tunes of the Maltese National Anthem. This year once again Mass was concelebrated by His Grace the Archbishop Charles J Scicluna. During mass Rev. Fr. Raymond Bonnici - the Police Chaplain, assisted His Grace the Archbishop. A celebration drink at the GHQ Officers' Mess followed the Holy Mass.

**Valid IPA Membership Card** - a word of thanks to all members for their participation in our anniversary events as well as their support thought the year. Reminder for all members who have not yet renewed their membership, you are kindly invited to call at the IPA Office PHQ and renew your membership. Annual fee is of €10 whilst a three year membership is of €25 IPA. A lapel pin will be given to those renewing for 3 years. Thanks for your understanding.

Servo per Amikeco

ipamalta@gmail.com



Bathrooms & Tiles
435, St. Joseph High Road
St. Venera
tel: 21440202 | 21449641
floor tiles: 21482849
carini
www.carinibathrooms.com




mcs
BUILDING SOLUTIONS
MCS originated in 1996 with an ambition to bring the local building market and home decoration in line with other neighboring countries.
As a project manager having experienced lack of materials that can withstand humidity, heat, water and fire, I decided to fulfill my task and satisfy my needs by importing the right materials for the right jobs without compromising on quality; which in return gives you lifetime enjoyment of your work.
Most of our products are meant for, "do it yourself" jobs, saving on cost of labour, that can be invested in best quality minerals and technology, which in return does not require frequent maintenance or none at all. Eco materials with thermal and sound proofing are today's most sought after products.
Our only fault is that our products are indestructible. Join us in this walk and leave behind you a better world.
MCS Building Solutions
No.6, Triq Is-Snajja, Zebbug, Malta.
Tel: (+356) 2146 6333 Mob: (+356) 7947 3038 Email: info@mcsmalta.com
www.mcsmalta.com




LIEBHERR
Quality, Design and Innovation
Side-by-Side fridge-freezers
A++
No Frost
Smart Steel
25% discount
AVAILABLE FROM
flamingo
let's make homes together
Cannon Road, Qormi. Phone: 2279 4205 flamingo.com.mt


PINCOTT
SECURITY
185, Rue D'Argens
Msida MSD 1360
Tel: 21330200 - 21311683
E-mail: sales@pincottsecurity.com
Web: www.pincottsecurity.com
evolution
Tecnoalarm
Wireless burglar alarm system


BRIDGE POINT
BRIDGEPOINT SHOWROOM, OLD RAILWAY TRACK, ST VENERA
2792 2222 // WWW.BRIDGEPOINTMALTA.COM


V&C GROUP
ROAD CONSTRUCTION | CONSTRUCTION MATERIAL SUPPLIES | EXCAVATION |
DEVELOPMENT | MANUFACTURING | RETAIL | EDUCATION | HOSPITALITY
V & C Group, Whyte Harte Triq il-Kostinjus Naxxar, NXR 6352
+356 21 420 086 / +356 79 494 661 / +356 79 572 241
info@vccontractors.com
www.vccontractors.com

Miguel Jose Spiteri
7 snin




Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

# REAZZJONIJIET KOMUNI WARA ESPERJENZI TRAWMATIĊI

Employee Support Programme Unit

Kulħadd jista' jkun affettwat minn trawma, iżda individwi li f'xogħolhom iħabbtu wiċċhom ma' sfidi kbar u esperjenzi diffiċli, jistgħu jkunu aktar f'riskju li jesponu ruħhom b'mod ripetut għal inċidenti trawmatiċi. Inċident trawmatiku huwa ġrajja serja u mhux tas-soltu, li tista' tikkawża ħsara fiżika, emozzjonali, u/jew psikoloġika. Sitwazzjonijiet li jesponu lill-individwu b'mod dirett jew indirett għall-mewt, korrimenti jew vjolenza huma meqjusin bħala inċidenti trawmatiċi. Inċidenti ripetuti bħal dawn jistgħu jħallu effett negattiv fuq is-saħħa mentali tal-individwu, billi jiżviluppaw diffikultajiet immedjatament wara l-inċident jew fuq medda ta' żmien.

Il-membri tal-Korp tal-Pulizija huma f'riskju li jiltaqgħu ma' inċidenti trawmatiċi waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Dan jista' jseħħ meta wieħed imur fuq inċidenti ta' natura gravi jew saħansitra mewt. Ir-riskju ta' trawma jiżdied meta fl-inċident ikunu involuti tfal jew anzjani. Għaldaqstant huwa ferm rakkomandat li, f'dawn is-sitwazzjonijiet, wieħed ifittex l-għajnuna, minkejja l-biża' li f'għajnejn ħaddieħor dan jista' jidher bħala dgħufija jew falliment.

**Kif nista' nħossni wara inċident trawmatiku?**

Meta uffiċjal tal-pulizija jassisti f'inċident trawmatiku, jista' jesperjenza reazzjonijiet emozzjonali kif ukoll fiżiċi. Kull individwu jirreaġixxi b'mod differenti f'dawn is-sitwazzjonijiet. Is-sintomi wara inċident trawmatiku jistgħu jdumu jiem, ġimgħat jew xhur – dejjem skont is-severità tal-inċident u l-individwu involut. Dawn li ġejjin huma xi reazzjonijiet komuni li tista' tesperjenza meta tkun involut f'inċident:

**Reazzjonijiet fiżiċi**

- għeja
- sturdament
- qalbek tħabbat ħafna jew rogħda
- qtugħ ta' nifs u wġigħ f'sidrek
- dardir jew uġigħ fl-istonku
- tensjoni fil-muskoli li twassal għal affarijiet bħal uġigħ ta' ras jew uġigħ fid-dahar
- nuqqas ta' rqad

**Reazzjonijiet psikoloġiċi**

- xokk
- biża' li jerġa' jiġri l-inċident
- ħsibijiet persistenti, per eżempju jerġgħu jiġuk ħsibijiet dwar l-inċident meta tkun qed tipprova tikkonċentra fuq xi ħaġa oħra
- tesperjenza *flashbacks* jew ħolm ikrah

Għal iktar informazzjoni dwar is-servizz tal-ESP, tista' żżur is-sit elettroniku www.esp.org.mt ✱


ZAHRA
GROUP
BUILDING YOUR VISION
CREATING REALITY
Siġġiewi Road, Ta' Kandja, L/O Mqabba MQB 1630
2164 0957 | 9942 4680/9
www.zahragroup.com.mt


ENTRAL CEMENT LIMITED
Incorporating Jumbo Bags Ltd.
Importers & Suppliers of:
• Bulk Cement (portland, high-sulphate resistant, pozzolanic)
• Packed Cement in bags of 1500kg, 50kg & 25kg
• Different Types of Cement (grey & white)
• Sand & gravel in bulk (dolomite, limestone, basalt, silica etc)
• Gypsum in bags & other building materials
FOR BEST QUALITY & SERVICE
Office: 21 232 920 / 21 667 050
Office: 99 497 023 / 99 992 920
Office: 21 221 659
Silo Mobile: 99 064 033
Silo Mobile: 99 431 787
35 YEARS
EXPERIENCE
CENTRAL CEMENT LIMITED
MALTA
PORTLAND CEMENT
42,5 R
Type II/A-LL
50 Kg
Packed in Malta
MSA-EN. 197-1:2011
'CemHouse', National Road,
Blata l-Bajda HMR 9011
admin@centralcementltd.com
www.centralcementltd.com


MCE
Your Toolroom Partner
DORMER PRAMET
Mitutoyo
FERVI
PRO SMART EQUIPMENT
IZAR
CUTTING TOOLS
ARCONIC
Innovation, engineered.
Tel: 21486213, 21441275
Email: info@mcemalta.com
MCE Limited, Zone 5, Triq L-Industrija, Central Business District, Ħal-Qormi


Homemate
Malta's Largest Home Improvement Store


JRS
John Ripard & Son
(SHIPPING) LIMITED
YOUR LOCAL AGENT
FOR INTERNATIONAL SHIPPING AND LOGISTICS
Offering reliable, weekly, direct FCL & LCL service from
Far East, Spain, Turkey, UK , Italy & worldwide
msc
Exclusive agent of MSC in Malta
E: msc@jripard.com / sales@jripard.com
W: jripardshipping.com
T: +356 25686553


isomat
building quality
raise your
expectations
Waterproofing materials
Concrete & mortar additives
Tile adhesives & grouts
Repairing materials & paints
Premixed plasters
Industrial floorings
www.isomat.eu
JMV
QUALITY IN STEEL
For further information
kindly contact:
JM Vassallo Vibro Steel Ltd.
Mdina Road, Zebbug,
ZBG 9019 Malta.
tel: (+356) 2146 7421
fax: (+356) 2146 5202
email: sales@jmvibro.com
website: www.jmvibro.com

# MALTA ASSOCIATION OF RETIRED POLICE OFFICERS

## Laqgħa mal-Ministru għall-Intern, Sigurtà Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi



Nhar l-Erbgħa 5 ta' Awwissu 2020 l-Assoċjazzjoni tagħna kellha laqgħa mal-Ministru għall-Intern, Sigurtà Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi Dr Byron Camilleri.

Il-laqgħa kienet waħda kordjali ħafna, fejn il-Ministru sema' b'attenzjoni kbira dak li ressaqna aħna u ppartecipa fid-diskussjoni li żvolġiet. Min-naħa tiegħu qal li wara li segwa b'attenzjoni se jkun qed jikkunsidra x'jista' jsir u li laqgħat bħal dawn għandhom jibqgħu jinżammu.

**Il-punti mressqa u diskussi kienu dawn li ġejjin:**

- l-għoti tal-midalja u l-*clasps*
  (ġiet mgħoddija ittra lill-Ministru)
- li l-membri tar-riserva jkunu kkunsidrati ugwali daqs il-membri regolari tal-Korp
  (issemma' l-fatt li huma ma jħallsux il-kontribuzzjoni tal-*General Fund* bħall-membri regolari)
- id-dfin fl-oqbra tal-Pulizija (biex ikunu inklużi l-ġenituri ta' min ma jkunx miżżewweġ jew f'unjoni ċivili)
- il-pensjoni tal-membri tal-Korp, mhux dik kontributorja, iżda l-oħra magħrufa tal-Pulizija u li minnha jsir tnaqqis mhux ikkunsidrat ġust.
- il-*Mutual Help Association*

### L-Għoti tal-Midalja

Semmejna li hemm bosta membri tal-Għaqda tagħna li llum huma rtirati u li għadhom ma ngħatawx il-Midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti. Ir-raġuni primarja għal dan tidher li kienet għax kellhom numru ta' reati kontra d-dixxiplina anke jekk ilhom snin twal li seħħew u għadhom ikunu kkunsidrati sabiex abażi tagħhom ma jingħatawx l-imsemmija midalja. Għedna li filwaqt li nirrikonoxxu dak li jipprovdu r-regolamenti, madanakollu nħossu li wasal iż-żmien li jkunu riveduti kif ukoll il-kriterja li tintuża. Issuġġerejna li jitwaqqaf kumitat li jkun jinkludi l-Għaqda tagħna, il-POU, l-MPA flimkien mal-Kummissarju u oħrajn kif jidhirlu l-Ministru. Intennu li wieħed għandu jħares lejn il-merti tal-proċeduri, il-gravità tar-reat, kif ukoll iż-żmien li għadda minn meta seħħ.

### Il-Membri tar-Riserva

Ressaqna osservazzjonijiet li konna ressaqniehom ukoll quddiem il-Kummissarju fir-rigward tal-membri tar-riserva. L-aktar punt ta' diskussjoni kien li minkejja li l-Att 164 dwar il-Pulizija f'Artiklu 9 (3) jipprovdi li l-istess liġijiet, regoli u regolamenti kif japplikaw għall-Uffiċjali tal-Pulizija Regulari għandhom japplikaw *mutatis mutandi* għall-Kuntistabbli tar-Riserva, dan fil-verità mhux hekk. Waqt id-diskussjonijiet dakinhar id-Deputat Kummissarju Mario Spiteri kien ikkummenta li ma jaqbilx mal-interpretazzjoni tagħna u kien qal li hemm il-ħtieġa li tinbidel il-liġi. Sa llum, il-liġi qiegħda kif ikkwotat. Dan jaffetwa lill-Kuntistabbli tar-Riserva għal fatt li fejn membru regulari għandu l-obbligu li jikkontribwixxu

fil-*General Fund* u allura jibbenifika minnu, dan ma japplikax l-istess għall-membru tar-riserva, b'detriment għalih. Kien hemm qbil li allura l-kuntistabbli tar-riserva jibdew jikkontribwixxu wkoll, iżda dan għadu ma seħħx.

### Id-Dfin fl-Oqbra tal-Korp tal-Pulizija

Mal-Kummissarju konna ressaqna l-ħsibijiet tagħna partikolarment dwar dfin ta' ġenituri ta' dawk li mhumiex miżżewġa jew f'xi unjoni ċivili. Konna ppreżentajna wkoll bħala gwida, kopja ta' regolamenti dwar dfin tal-Militar Amerikan.

### Il-Pensjoni

Dwar il-pensjoni aħna nirritjenu li dak li kellna u kien b'kuntratt kellu jibqa' tagħna u ma jitneħħiex. Illum anke l-ġudikatura għandhom it-tip ta' pensjoni li kellna aħna u li għadna nsostnu dwarha. Għalkemm kellna kawżi fil-Qrati tagħna u tlifniehom, xorta nsostnu li dak li kellna u tneħħa mill-gvern xorta jista' jerġa jingħatalna mill-gvern. Kif kien il-gvern stess li ħa passi biex issolvi l-problema tal-*overtime* b'lura, kif ukoll għall-ftehim kollettiv aġġornat b'kundizzjonijiet aħjar għall-membri tal-Korp.

### Il-M.H.A.

Iddiskutejna dwar il-*Mutual Help Association* (M.H.A.), dik li kienet magħrufa bħala kontribuzzjoni tal-mejtin. Semmejna li wara kunsiderazzjonijiet u diskussjonijiet mal-Kummissarju, il-POU u l-MPA, l-iskema kienet intemmet mill-1 ta' Jannar 2018 u kull min ikkontribwixxa jieħu lura l-ekwivalenti li jkun ħallas. Din nafu li hija somma kbira u qed titħallas gradwalment. Issuġġerejna jekk hux possibbli li l-gvern jikkunsidra li jħallas dak dovut lill-individwi u jitħallas lura hu mill-Korp minflok ikun il-Korp li jħallas lill-individwi.

## NITKELLMU MAL-EX SURĠENT ANTHONY GATT 632 - 263

F'għodwa sabiħa ta' Diċembru 2019, flimkien mal-ex Surġent Joseph Borda żorna lill-ħabib tagħna l-ex Surġent 632 Anthony Gatt. Anthony twieled il-Belt Valletta, mimlija attivitajiet wara it-tieni gwerra. Dejjem ħassu miġbud lejn il-Korp tal-Pulizija u minn ċkunitu qataha li l-missjoni jew vokazzjoni tiegħu kellha tkun karriera fil-Korp. Ta' 18-il sena f'Diċembru 1957 kien applika RAF jew Pulizija. Ommu dejjem kienet kontra li jidħol fil-Korp u kienet tgħidlu li jekk għandu jħarrek lil xi ħadd, iħarrek lilha. Jiftakar li daħlu miegħu ex PC 1050 Carmelo Pace u 584 Tony Portelli minn San Pawl il-Baħar.

Peress li kienu żminijiet ta' tensjoni dak iż-żmien, taħt il-kmand tal-Kummissarju De Grey jiftakar li wara li ħadu l-ġurament dejjem kienu jinżammu rinforz, mingħajr uniformi sakemm sena wara libsu l-ewwel darba l-uniformi mingħajr iċ-*chinese collar*. L-akkademja kienet għadha diċenji 'l bogħod, imma kienu jitħarrġu fi kmamar fil-bitħa ta' fuq, fejn illum hemm l-istatwa ta' San Mikiel.

Mal-Avukat Flores, li wara inħatar Imħallef, kienu jistudjaw il-liġi u ma' Supt Coppola *white slave* u traffiku fost suġġetti oħra. Kienu jitħarrġu mal-45th *Commandos* ġewwa St Andrews u l-Imtarfa bl-użu tal-helikopters. Kienet qamet kwistjoni bejn dawn il-*commandos* u r-rekluti minħabba l-attitudni li dehret kemxejn goffa billi minflok li l-*commandos* jitfgħu il-ġebel, waqt it-taħriġ lejn is-saqajn, kienu jintefgħu sabiex jolqtu partijiet oħra tal-ġisem. Meta inqabeż il-limitu kienu ftehmu li meta jkunu bir-*riot gear* u jiġu wiċċ imb'wiċċ mal-*commandos* u tiġi l-ordni ta' *stop*, dawn kienu baqgħu għaddejjin bihom b'kollox u minn dakinhar 'il quddiem saru indaqs mal-*commandos*.

Ġie stazzjonat l-Għassa l-Floriana u l-ewwel attività kienet il-Festa ta' San Pubulju. Bħala kollega miegħu



kellu lil ex PC 763 Twanny Mifsud. Kien diversi drabi *beat duty* fejn il-Lukanda Phoenicia. *Night watch* 8pm sa 4am - *2nd watch* 8am sa nofsinhar u bejn 4pm u 8pm u fil-*1st watch* bejn 4am u 8am u wara bejn nofsinhar u l-4pm. Tbatija żejda u *fixed point* mar-residenza fejn kien sar delitt faħxi bejn Strada San Domenico u StradaFormi.

Serva l-uffiċċju tal-Belt Valletta fejn kien jieħu ħsieb dak li għandu x'jaqsam mas-seduta tad-distrett. Il-Belt jiftakar l-Ispettur li wara sar Kummissarju s-Sur Enoch Tonna. Dejjem kienet ix-xewqa ta' Anthony li javvanza u fis-sena 1971 għamel il-kors fejn wara ġie stazzjoni l-għassa l-Ħamrun bħala surġent fuq barra. Dak iż-żmien kien hemm ukoll surġent fuq ġewwa wkoll. Kien shift mal-ex Surġent 267 Grixti. Kienet sistema tajba u jirrakkomanda li għanda tiġi rintrodotta.

L-aqwa għodda li għandhom il-pulizija hija sempliċi, il-preżenza tagħhom fuq *foot patrol*, speċjalment fejn ikun hemm in-nies, mhux sabiex tbeżża' imma biex tgħin lis-soċjetà. Spjega li x-xogħol kien jieħdu kif jiġi u dejjem ipprova jgħin lill-pubbliku kif seta'. Qatt ma ħalla xogħol lil ta' warajh u jiftakar għaliex fuq ir-*rain coat* ġiet ordni li s-surġenti jrid jkollhom il-penzijiet jidhru, sabiex ħadd ma' jfarfar ir-responsabbiltà, li jkun daħal għalihom bħala surġent.

Bħala surġent dar dawra mhux ħażin minn raħal għal ieħor fosthom il-*happy station* – tas-Sliema, Żabbar, Qormi, Żurrieq u l-Kottonera. Anthony jgħid li kull raħal, apparti dawk l-okkorrenzi komuni, kull għassa għandha problemi differenti u semma' post fejn il-problemi tal-familja, kienu jkunu ta' spiss u kien jagħmel ħinijiet twal jitkellem ma' dawk affettwati u dejjem prova jsalva familji milli jinfirdu.

Iltaqa' mas-Sinjura Pauline Gatt, persuna ġentili, fejn fis-sena 1963 iżżewġu. Din kienet iltaqgħet ma' Anthony fit-tieġ ta' oħtu u ż-żfin kien il-forte tagħhom. Kellhom tifel u tifla u llum huma nanniet ta' 4 tfajliet. Pauline qalet li wara li żżewġu u wasal l-ewwel lejl ta' *night watch* għal Anthony u kienet l-ewwel darba f'ħajjitha li kienet lejl id-dar weħidha ma setgħetx tagħlaq għajn m'għajn, waħda għaliex kienet moħħha f'żewġha u wkoll għax it-tieqa tas-salott bdiet iżżaqżaq u aktar beżgħet. Hawn jirrakontawlna kif waqt *night watch* f'ħanut li kien ismu Brittania Bar ħdejn Manoel Island, *commando* kisser ħanut bis-sakra u weġġa' lilu nnifsu b'demm ma' kullimkien. Meta daħal lura d-dar ratu bl-uniformi kollha demm u eżaminatu minn rasu sa saqajh għax ma riditx temmen li ma kienx weġġa' hu.

Anthony ta' natural ċajtier u meta tkun miegħu jara li jkun hemm atmosfera ferrieħa. Jirrakkonta inċident fejn stranġier ġie mtajjar quddiem il-lukanda Preluna, però wara li kellmu bl-Ingliż u Taljan u ma weġibx prova l-Franċiż bil-frażi 'parlez-vous français?' u dan għamillu sinjal li jifhem għaliex kien Franċiż. Ittieħed l-Isptar San Luqa u peress li riedu jieħdu l-verżjoni tiegħu u t-tabib tal-għassa fl-emerġenza ma ridx joħroġ ċertifikat, imma assigurah li mhux fil-periklu tal-mewt, tah struzzjonijiet sabiex ma jiġix rilaxxat qabel ikellmu. Wara li beda jara minn fejn ser jġib interpretu u ftit wara mill-għassa ċempel sabiex jara l-kundizzjoni ta' dan il-Franċiż bit-tabib jgħidlu li dan il-pazjent telaq. Hawn is-Surġent Gatt inħasad għaliex ħalluh jitlaq mill-isptar, hawn it-tabib qallu "iva telaq għad-dinja l-oħra!".
Inċident ikrah kien meta fejn kien hemm il-kumpless tal-ITS, kienu barracks tal-Ingliżi inqalgħet ġlieda kbira bejn grupp studenti Libjani. Kienu b'Landrover u intefa' travu oħxon tal-injam li nifidha, imma b'xorti tajba ma' weġġa' ħadd, ħlief ħsarat fil-Landrover.

Ħass li kellu jitlaq mill-Korp, imma ma kinitx ix-xewqa tiegħu. Spjegalna meta uffiċjal għoli mar għal spettur li kien stazzjonat tas-Sliema u sab lil Anthony u staqsieh fejn hu l-ispettur u Anthony qallu li l-ispettur infurmah li kien sejjer fuq il-*beat*. Inqala' inċident il-Gżira u kellu jmur l-Isptar San Luqa. Dan l-uffiċjal għoli reġa' mar l-għassa ta' Sliema u Anthony ġie ordnat *forced leave* u *transfer* dak il-ħin għal għassa oħra. Wara xi jiem mar id-depot sabiex jara x'ser jiġri minnu u qalulu li għandu *charge* fuq xagħar twil. Fis-sena 1983 ingħalqet l-ewwel fażi tal-karriera ta' Anthony fil-Korp.

Wara għamel żmien jaħdem ma' kumpanija tal-aluminju u importaturi tax-xorb u għamel żmien fl-uffiċċju tal-Arbitru tas-Servizzi Soċjali. Bejn is-snin 1992 u 1996 reġa' ġie *reinstated* u ħadem fl-SB u fl-uffiċċju tal-RSM. Anthony serva wkoll bħala kaxxier tal-MARPO.



Messaġġ lill-Pulizija sabiex ma jaqtgħux qalbhom b'dak kollu li jiġi quddiemhom. Jagħmlu l-almu sabiex ix-xogħol isir b'kuraġġ u ma jgħoddux iż-żmien li fadlilhom fil-Korp, għax dak jgħaddi malajr u jaqdu lilll-poplu kollu.

Nirringrazzjaw lis-Sinjuri Gatt tal-ospitalità u nixtiqulhom għomor twil.

Kitba Martin Pace ex PC 24



Ex PC 568 Saviour Bonello
1935 – 2018
1956 – 1981



Ex PC 1516 Geoffrey Mizzi
1967 – 2019
1988 – 1991



Ex PS 959 & 166 Godwin Grech
1958 – 2020
1986 – 1990 & 1998 – 2017



Ex PC 848 Anthony Spiteri
1930 - 2020
1951 - 1990



Ex PC 910 Jacomo Muscat
1937 – 2020
1959 – 1981



Ex PC 976 Andrew Falzon
1934 – 2020
1954 – 1978



Ex PC 786 Antoine Borg
1971 – 2020
1991 – 1994



Ex PC 659 Louis Muscat
1940 – 2020
1960 – 1985



Ex PC 45 Anthony Vella
1964 – 2020
1970 – 1998



Ex PC 433 Francis Cutajar
1937 - 2020
1962 - 1987
(Gozo)



Ex PC 996 & 34 Joseph Attard
1937 - 2020
1956 - 1981 & 1987 - 1996



Ex PS 649 Mario Saliba
1946 - 2020
1964 - 2002



Ex PC 1006 John Ciantar
1936 - 2020
1957 - 1983




**BOV INVESTMENT FUNDS**

**2122 7311**
**bovassetmanagement.com**

BOV Branches/Investment Centres
& Licensed Financial Intermediaries

BOV | ASSET MANAGEMENT
A MEMBER OF THE BOV GROUP

Past performance is not necessarily a guide to future performance. The value of the investment can go down as well as up. Investments should be based on the full details of the Prospectus, Offering Supplement and the Key Investor Information Document which may be obtained from BOV Asset Management Limited, Bank of Valletta p.l.c. Branches/Investment Centres and other Licensed Financial Intermediaries. BOV Asset Management Limited is licensed to provide Investment Services in Malta by the MFSA. The BOV Investment Funds is a common contractual fund licensed by the MFSA as a collective investment scheme pursuant to the Investment Services Act and the UCITS Directive.

Issued by BOV Asset Management Limited, registered address 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Tel: 2122 7311, Fax: 2275 5661, Email: infoassetmanagement@bov.com, Website: www.bovassetmanagement.com. Source: BOV Asset Management Limited.

# THE WORLD'S TOP FIREARMS BRAND. MADE IN THE U.S.A.

## SIG P365 SAS

9x19

€849

Introducing the game changing P365, winner of multiple 'Handgun Of The Year' awards. The SAS (SIG Anti Snag) variant takes the already excellent P365 to another level. With tritium sights recessed into the slide, aiming is fast and natural.

10 ROUNDS!






## P320 X5 LEGION

9x19

€1,299

The perfect balance of added weight and features make this new SIG one of the best sport shooting pistols on the market. You would have to spend much more on competition to match the performance of the P320 X5 Legion.






## SIG M400 TREAD

5.56x45

€1,299

There has never been a better time to be in the market for an AR style rifle. Included in the price is the ROMEO5 TREAD, an extremely durable 2 MOA red dot, specifically made to complement the M400 TREAD. An exceptional price for SIG quality.

TREAD

Lock, Stock & Barrel

LOCK, STOCK & BARREL Gunshop
Phoenix Business Centre, Triq il-Blata l-Kahla, Sta. Venera SVR 9022, Malta
Tel: 2148 0118 • Mob: 9947 1091
e-mail: info@lsb-malta.com • web: www.lsb-malta.com